IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.10.2017
COM(2017) 609 final

ANNEX 1

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt imwaqqaf permezz tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward tal-proposti għal emendi għal dik il-Konvenzjoni

Proposta għal Deċiżjoni Nru 1/2017 tal-Kumitat Konġunt UE-EFTA dwar it-tranżitu komuni
tal-XX XXXX 2017
li temenda l-Konvenzjoni tal-20 ta’ Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu

IL-KUMITAT KONĠUNT

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' transitu[1], u b’mod partikolari l-Artikolu 15(3)(a) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 15(3)(a) tal-Konvenzjoni tal-20 ta’ Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta’ tranżitu (“il-Konvenzjoni”) jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt imwaqqaf minn dik il-Konvenzjoni (“il-Kumitat Konġunt”) li jadotta, permezz ta’ deċiżjoni, emendi għall-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni[2] (“KDU”) u l-atti Delegati u ta’ Implimentazzjoni tiegħu introduċew il-possibbiltà li jintuża (ETD) dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta’ tranżitu għat-trasport bl-ajru. Dawk id-dispożizzjonijiet se jkunu applikabbli b’mod sħiħ mhux aktar tard mill-1 ta’ Mejju 2018. Barra minn hekk, ċerti dispożizzjonijiet dwar it-tranżitu u dwar l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni se jibdew japplikaw biss fi stadju aktar tard, minħabba li jirrikjedu l-aġġornament jew it-tnedija tas-sistemi elettroniċi rilevanti, li se jseħħu fid-dati indikati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni[3].

(3) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel, effiċjenti u armonizzat tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni dwar il-proċedura komuni ta’ tranżitu u r-regoli dwar l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet rispettivi fl-atti Delegati u ta’ Implimentazzjoni tal-KDU li se jkunu applikabbli biss fi stadju aktar tard. Għal dak il-għan, l-emendi għall-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni huma indispensabbli.

(4) Għaldaqstant il-Konvenzjoni trid tiġi emendata kif xieraq. °

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(1) It-test tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni tal-20 ta’ Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta’ tranżitu (“il-Konvenzjoni”) huwa emendat kif stabbilit fl-Anness A ta' din id-Deċiżjoni.

(2) It-test tal-Anness 2 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni huwa emendat kif stabbilit fl-Anness B ta' din id-Deċiżjoni.

---

1 ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2.
2 ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
3 ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6.

(3) It-test tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni huwa emendat kif stabbilit fl-Anness C ta' din id-Deċiżjoni.

(4) It-test tal-Annessi B2a u B3a huwa miżjud mal-Appendiċi IIIa tal-Konvenzjoni kif stabbilit fl-Anness D ta’ din id-Deċiżjoni.

(5) It-test tal-Annessi A2, B1 u C7 tal-Appendiċi III tal-Konvenzjoni huwa emendat kif stabbilit fl-Anness E ta' din id-Deċiżjoni.

(6) It-test tal-Appendiċi IIIa huwa miżjud mal-Konvenzjoni kif stabbilit fl-Anness F ta’ din id-Deċiżjoni.

(7) It-test tal-Annessi A1a, A3a, A4a, A5a, A6a, B5a u B6a huwa miżjud mal-Appendiċi IIIa tal-Konvenzjoni kif stabbilit fl-Anness G ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul f’Oslo,

Għall-Kumitat Konġunt
Il-President

ANNESS A

L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 10(2)(b) il-kliem “Artikolu 55(a)” qed jinbidel b’dan li ġej: “Artikolu 55(1)(a)”.

(2) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) qed jinbidel b'dan li ġej:

“(a) il-ġarr bl-ajru tal-merkanzija meta tintuża l-proċedura ta’ tranżitu bbażata fuq manifest elettroniku għall-merkanzija li titwassal bl-ajru jew meta tintuża l-proċedura ta’ tranżitu bbażata fuq dokument ta’ trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta’ tranżitu;”;

(b) fil-paragrafu 2, qed tiżdied is-sentenza li ġejja:

“Din ir-rinunzja għandha tapplika sal-1 ta’ Mejju 2019 jew, għal awtorizzazzjonijiet li jkollhom perjodu limitat ta’ validità, sa tmiem dak il-perjodu, skont liema minnhom jiġi l-aktar kmieni.”.

(3) Fl-Artikolu 25, qed jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta’ tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), id-dettalji u l-istruttura tad-dejta tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu huma stabbiliti fl-Annessi A1a u B6a tal-Appendiċi III.”

(4) Fl-Artikolu 27, qed jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta’ tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 26(1)(a), il-vjaġġatur għandu jħejji d-dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq dokumenti fiżiċi b’konformità mal-Artikoli 5 u 6 tal-Anness B6a tal-Appendiċi III.”

(5) Qed jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“*Artikolu 29a*

Tressiq ta' dikjarazzjoni ta’ tranżitu qabel il-preżentazzjoni tal-merkanzija

“Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta’ tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), tista’ titressaq dikjarazzjoni ta’ tranżitu qabel il-preżentazzjoni mistennija tal-merkanzija lill-uffiċċju doganali tat-tluq. Jekk il-merkanzija ma tkunx ippreżentata fi żmien 30 jum minn meta titressaq id-dikjarazzjoni ta’ tranżitu, dik id-dikjarazzjoni għandha titqies li ma tressqitx.”

(6) Fl-Artikolu 38(6), il-kliem “mal-Anness II għal dan l-Appendiċi” qed jinbidel bil-kliem “mal-Anness II tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni”.

(7) L-Artikolu 41 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu qed jinbidel b’dan li ġej:

“Id-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu u l-Lista ta’ oġġetti”;

(b) il-paragrafu 1 qed jinqasam f’żewġ subparagrafi;

(c) fil-paragrafu 1, qed jiddaħħal is-subparagrafu li ġej bħala t-tieni subparagrafu:

“Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta’ tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), l-uffiċċju doganali tat-tluq għandu jipprovdi lid-dikjarant b’dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu issupplimentat minn Lista ta’ oġġetti. Il-Lista ta’ oġġetti għandha tifforma parti integrali mid-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu.”;

(d) fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, il-kliem “Anness 3” qed jinbidel bl-“Anness A3”;

(e) fil-paragrafu 1, qed jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta’ tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), id-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu għandu jiġi pprovdut billi tintuża l-formola stabbilita fl-Anness A3a tal-Appendiċi III u għandu jinkludi d-dettalji stabbiliti fl-Anness A4a tal-Appendiċi III.”;

(f) fil-paragrafu 2, qed jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta’ tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), il-Lista ta’ oġġetti għandha tiġi pprovduta billi tintuża l-formola stabbilita fl-Anness A5a tal-Appendiċi III u għandha tinkludi d-dettalji stabbiliti fl-Anness A6a tal-Appendiċi III.”;

(g) qed jiżdied il-paragrafu li ġej:

“(3) Id-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu u l-Lista ta’ oġġetti għandhom jiġu pprovduti f’forma stampata.”.

(8) L-Artikolu 42 qed jinbidel b’dan li ġej:

“*Artikolu 42*

Preżentazzjoni tad-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu

Id-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu flimkien mal-MRN tad-dikjarazzjoni ta’ tranżitu u dokumenti oħrajn li jakkumpanjaw il-merkanzija, għandhom jiġu ppreżentati kull meta jintalbu mill-awtoritajiet doganali.”

(9) L-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, qed jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

“Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta’ tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), it-trasportatur għandu jippreżenta mingħajr dewmien żejjed wara l-inċident, il-merkanzija u d-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu flimkien mal-MRN tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu lill-eqreb awtorità doganali tal-pajjiż li fit-territorju tiegħu jinsab il-mezz tat-trasport fil-każijiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) tal-ewwel subparagrafu.

Meta l-awtoritajiet doganali li fit-territorju tagħhom jinsab il-mezz tat-trasport iqisu li l-operazzjoni tat-tranżitu komuni kkonċernata tista’ tkompli, għandhom jieħdu kwalunkwe pass li jqisu neċessarju u jirreġistraw informazzjoni rilevanti dwar l-inċidenti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu fis-sistema elettronika ta’ tranżitu msemmija fl-Artikolu 4.”;

(b) il-paragrafu 2 qed jinbidel b’dan li ġej:

“2. It-trasportatur huwa eżentat mill-preżentazzjoni tal-merkanzija u tad-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu bl-entrati meħtieġa li saru lill-awtorità doganali msemmija fil-paragrafu 1 fil-każijiet li ġejjin:

(a) Inċidenti kif imsemmija fil-paragrafu 1(c), jekk il-merkanzija tiġi ttrasferita minn mezz tat-trasport li ma jkunx issiġillat;

(b) Inċidenti kif imsemmija fil-paragrafu 1(f), meta karru jew vagun wieħed jew aktar jiġu rtirati minn sett ta’ karrijiet jew vaguni ferrovjarji akkoppjati minħabba problemi tekniċi;

(c) Inċidenti kif imsemmija fil-paragrafu 1(f), meta l-unità tat-trattur ta' vettura tat-triq tkun mibdula mingħajr ma jinbidlu t-trejlers jew is-semitrejlers tagħha.

Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta’ tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), it-trasportatur huwa eżentat mill-preżentazzjoni tal-merkanzija u tad-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu flimkien mal-MRN tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu lill-awtorità doganali msemmija fil-paragrafu 1 bil-kundizzjoni li d-detentur tal-proċedura jew it-trasportatur f’isem id-detentur tal-proċedura, jipprovdi l-informazzjoni rilevanti dwar l-inċident lil dik l-awtorità doganali fil-każijiet li ġejjin:

(a) Inċidenti kif imsemmija fil-paragrafu 1(c), jekk il-merkanzija tiġi ttrasferita minn mezz tat-trasport li ma jkunx issiġillat;

(b) Inċidenti kif imsemmija fil-paragrafu 1(f), meta karru jew vagun wieħed jew aktar jiġu rtirati minn sett ta' karrijiet jew vaguni ferrovjarji akkoppjati minħabba problemi tekniċi;

(c) Inċidenti kif imsemmija fil-paragrafu 1(f), meta l-unità tat-trattur ta' vettura tat-triq tkun mibdula mingħajr ma jinbidlu t-trejlers jew is-semitrejlers tagħha.";

(c) il-paragrafu 3 qed jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-informazzjoni rilevanti fid-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu dwar l-inċidenti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi rreġistrata fis-sistema elettronika ta' tranżitu mill-awtoritajiet doganali peress li l-każ jista' jkun fl-uffiċċju doganali tat-tranżitu jew fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta' tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), l-informazzjoni rilevanti dwar l-inċidenti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi rreġistrata fis-sistema elettronika ta' tranżitu mill-eqreb awtorità doganali tal-pajjiż li fit-territorju tiegħu jinsab il-mezz tat-trasport.";

(d) il-paragrafi 4, 5 u 6 huma mħassra.

(10) Fl-Artikolu 45, il-paragrafu 3 qed jinbidel b'dan li ġej:

"L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu jżomm id-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu.

L-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu b'mod ġenerali jwettaq kontrolli doganali abbażi tad-dettalji tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu komuni li tasal mingħand l-uffiċċju doganali tat-tluq."

(11) Fl-Artikolu 46(1), qed jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-irċevuta għandu jkun fiha referenza għall-MRN tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu."

(12) L-Artikolu 47 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, qed jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta' tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni għandu jinnotifika lill-uffiċċju doganali tat-tluq bil-wasla tal-merkanzija fil-jum meta l-merkanzija u d-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu flimkien mal-MRN tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu jiġu ppreżentati b'konformità mal-Artikolu 45(1).";

(b) fil-paragrafu 2, qed jiddaħħal is-subparagrafu li ġej bħala t-tieni subparagrafu:

"Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta' tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), meta l-operazzjoni tat-tranżitu komuni tintemm f'uffiċċju doganali li mhuwiex dak iddikjarat fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu, l-uffiċċju doganali meqjus li huwa l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni b'konformità mal-Artikolu 45(5), għandu jinnotifika l-wasla lill-uffiċċju doganali tat-tluq fil-jum meta l-merkanzija u d-dokument li jakkumpanja t-tranżitu flimkien mal-MRN tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu jiġu ppreżentati b'konformità mal-Artikolu 45(1).";

(c) fil-paragrafu 5, qed jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta' tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), meta l-merkanzija tinġarr bil-ferrovija u karru jew vagun wieħed jew aktar jiġu rtirati minn sett ta' karrijiet jew vaguni ferrovjarji akkoppjati minħabba problemi tekniċi, kif imsemmi fl-Artikolu 44(2)(b), l-uffiċċju doganali tat-tluq għandu jiġi nnotifikat mhux aktar tard mit-12-il jum wara l-jum li fih tkun ġiet ippreżentata l-ewwel parti tal-merkanzija.".

(13) L-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 5, qed jiddaħħal is-subparagrafu li ġej bħala t-tieni subparagrafu:

"Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta' tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), meta, wara talba b'konformità mal-paragrafu 2, l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni ma jkunx ipprovda informazzjoni suffiċjenti biex tingħalaq il-proċedura komuni tat-tranżitu, dik l-awtorità doganali għandha titlob lid-detentur tal-proċedura biex jipprovdi dik l-informazzjoni, mhux aktar tard minn 35 jum wara li tinbeda l-proċedura ta' inkjesta.";

(b) fil-paragrafu 6, il-kliem "skont il-paragrafu 4" qed jinbidel bil-kliem "skont il-paragrafu 5".

(14) L-Artikolu 55 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu mingħajr numru jsir il-paragrafu 1;

(b) fil-paragrafu 1 qed jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(h) il-proċedura komuni tat-tranżitu bbażata fuq dokument elettroniku ta' trasport bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-trasport bl-ajru;

(i) l-użu ta' dikjarazzjoni doganali b'inqas rekwiżiti tad-dejta biex il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura komuni tat-tranżitu.";

(c) qed jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"2. L-awtorizzazzjonijiet b'konformità mal-paragrafu 1(i) għall-użu ta' dikjarazzjoni doganali b'inqas rekwiżiti tad-dejta biex il-merkanzija

titqiegħed taħt il-proċedura komuni tat-tranżitu għandhom jingħataw għal dawn li ġejjin:

(a) it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija;

(b) it-trasport tal-merkanzija bl-ajru meta ma jintużax dokument elettroniku tat-trasport bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

"3. "Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta' tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), għandhom japplikaw il-proċedura komuni tat-tranżitu bbażata fuq dokumenti fiżiċi għall-merkanzija li tinġarr bl-ajru kif imsemmi fil-paragrafu 1(e) u l-proċedura komuni tat-tranżitu bbażata fuq dokumenti fiżiċi speċifika għall-merkanzija li tinġarr bil-ferrovija kif imsemmi fil-paragrafu 1(f). Wara dawk id-dati, ma għandhomx japplikaw dawk il-proċeduri komuni tat-tranżitu.

Sal-1 ta' Mejju 2018, il-proċedura komuni tat-tranżitu bbażata fuq manifest elettroniku għall-merkanzija li tinġarr bl-ajru kif imsemmi fil-paragrafu 1(e) għandha tapplika għal dawk l-operaturi ekonomiċi li s'issa għadhom ma aġġornawx is-sistemi meħtieġa għall-użu tad-dokument elettroniku tat-trasport bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-trasport bl-ajru, kif imsemmi fil-paragrafu 1(h). Wara dik id-data, ma għandhiex tapplika l-proċedura komuni tat-tranżitu bbażata fuq manifest elettroniku għall-merkanzija li tinġarr bl-arju msemmija fil-paragrafu 1(e).

"Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta' tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), ma għandhiex tapplika s-simplifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(i).".

(15) L-Artikolu 56 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem "fl-Artikolu 55(b) u (c)" qed jinbidel bil-kliem "fl-Artikolu 55(1)(b) u (c)";

(b) fil-paragrafu 2, il-kliem "fl-Artikolu 55(d)" qed jinbidel bil-kliem "fl-Artikolu 55(1)(d)";

(c) fil-paragrafu 3, il-kelma "simplifikazzjoni" qed tinbidel bil-kelma "simplifikazzjonijiet" u l-kliem "fl-Artikolu 55(e)" qed jinbidel bil-kliem "fl-Artikolu 55(1)(e) u (h)";

(d) fil-paragrafu 4, il-kelma "simplifikazzjoni" qed tinbidel bil-kelma "simplifikazzjonijiet" u l-kliem "fl-Artikolu 55(a) u (f)" qed jinbidel bil-kliem "fl-Artikolu 55(1)(a), (f) u (i)".

(16) L-Artikolu 57 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem "fl-Artikolu 55(a)" qed jinbidel bil-kliem "fl-Artikolu 55(1)(a)";

(b) fil-paragrafu 2, il-kliem “Artikolu 55(b), (c) u (d)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(b), (c), (d) u (i)”;

(c) fil-paragrafu 3, il-kliem “fl-Artikolu 55(e)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(e)”;

(d) fil-paragrafu 4, il-kliem “fl-Artikolu 55(f)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(f)”;

(e) qed jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“5. L-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 55(1)(h) għandhom jingħataw lill-applikanti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikant huwa stabbilit fit-territorju doganali ta' Parti Kontraenti;

(b) l-applikant jiddikjara li se juża b'mod regolari l-arranġamenti tat-tranżitu komuni;

(c) l-applikant ma wettaq l-ebda ksur serju jew ksur ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali u tar-regoli tat-tassazzjoni, inkluż l-ebda rekord ta' reati kriminali serji marbutin mal-attività ekonomika tiegħu;

(d) l-applikant juri livell għoli ta' kontroll tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-fluss ta' merkanzija, permezz ta' sistema ta' ġestjoni ta' kotba kummerċjali u, skont il-każ, tat-trasport, li tippermetti li jsiru kontrolli doganali xierqa;

(e) l-applikant għandu l-istandards prattiċi ta' kompetenza jew kwalifiki professjonali relatati direttament mal-attività imwettqa;

(f) l-applikant jopera għadd sinifikanti ta’ titjiriet bejn l-ajruporti fil-Partijiet Kontraenti;

(g) l-applikant juri li se jkun jista’ jiżgura li d-dettalji tad-dokument elettroniku tat-trasport ikunu għad-dispożizzjoni tal-uffiċċju doganali tat-tluq fl-ajruport tat-tluq u tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fl-ajruport tad-destinazzjoni u li dawk id-dettalji jkunu l-istess fl-uffiċċju doganali tat-tluq u fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.”;

(f) il-paragrafu 5 attwali jsir il-paragrafu 6.

(17) L-Artikolu 61 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem “fl-Artikolu 55(c)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(c)”;

(b) fil-paragrafu 2, il-kliem “fl-Artikolu 55(d)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(d)”;

(c) fil-paragrafu 3, il-kliem “fl-Artikolu 55(a), (b) (e) u (f)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(a), (b), (e), (f), (h) u (i)”;

(d) qed jiżdied il-paragrafu li ġej:

“4. Minkejja l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3, meta l-applikant japplika għas-simplifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 55(1)(b) li trid tintuża fil-kuntest ta’ awtorizzazzjoni għas-simplifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 55(1)(c), l-applikazzjoni għall-użu ta’ siġilli ta’ tip speċjali

msemmija fl-Artikolu 55(1)(b) tista' tiġi ppreżentata lill-awtorità doganali kompetenti biex tieħu deċiżjoni fil-pajjiż fejn huma ppjanati li jibdew l-operazzjonijiet tat-tranżitu komuni tal-konsenjatur awtorizzat kif imsemmi fl-Artikolu 55(1)(c).".

(18) L-Artikolu 70 qed jitħassar.

(19) L-Artikolu 71 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 qed jinbidel b'dan li ġej:

"L-awtorizzazzjonijiet mogħtija abbażi tal-Artikolu 44(1)(a), (b), (d), (e) u (f)(i) u (ii) (il-proċedura ssimplifikata, livell 1, biss) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 1/2008 li huma validi fl-1 ta' Mejju 2016 u li ma għandhomx perjodu limitat ta' validità, għandhom jiġu vvalutati mill-ġdid mill-1 ta' Mejju 2019.";

(b) fil-paragrafu 2, il-kliem "tal-Artikolu 55(a), (b), (d) u (e) tal-Konvenzjoni kif emendat" qed jinbidel bil-kliem "tal-Artikolu 44(1)(a), (b), (d) u (e) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni kif emendat";

(c) il-paragrafu 4 qed jitħassar.

(20) Fl-Artikolu 73, il-kliem "mal-Anness A2" qed jinbidel bil-kliem "mal-Anness II tal-Appendiċi I".

(21) L-Artikolu 74 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 6, qed jiddaħħal is-subparagrafu li ġej bħala l-ewwel subparagrafu:

"Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta' tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), l-awtoritajiet doganali għandhom jimmonitorjaw il-garanzija.";

(b) qed jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. Il-monitoraġġ tal-garanzija għal merkanzija li titqiegħed taħt il-proċedura komuni tat-tranżitu permezz tas-simplifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 55(1)(f) matul il-perjodu ta' bejn l-iskadenza tar-rinunzja msemmija fl-Artikolu 13(2) u d-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema tat-tranżitu elettronika msemmija fl-Artikolu 4, għandu jiġi żgurat permezz ta' awditjar regolari u xieraq.".

(22) Fl-Artikolu 81(1), il-kliem "l-Artikolu 55(b)" qed jinbidel bil-kliem "l-Artikolu 55(1)(b)".

(23) L-Artikolu 82 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2(a), il-kliem "l-Artikolu 55(b)" qed jinbidel bil-kliem "l-Artikolu 55(1)(b)";

(b) fil-paragrafu 4, il-kliem "mal-Anness II għal dan l-Appendiċi I" qed jinbidel bil-kliem "mal-Anness II tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni".

(24) Fl-Artikolu 84, il-kliem "fl-Artikolu 55(c)" qed jinbidel bil-kliem "fl-Artikolu 55(1)(c)" u l-kliem "fl-Artikolu 55(a)" qed jinbidel bil-kliem "fl-Artikolu 55(1)(a)".

(25) L-Artikolu 86 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem “fl-Artikolu 55(c)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(c)”;

(b) fil-paragrafu 3, qed jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta’ tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), il-konsenjatur awtorizzat għandu jistampa dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu, bil-kundizzjoni li jkun irċieva n-notifika tar-rilaxx tal-merkanzija għall-proċedura komuni tat-tranżitu mill-uffiċċju doganali tat-tluq.”.

(26) Fl-Artikolu 87, il-kliem “fl-Artikolu 55(d)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(d)”.

(27) Fl-Artikolu 88(1), il-kliem “fl-Artikolu 55(d)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(d)”.

(28) L-Artikolu 90 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem “fl-Artikolu 55(d)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(d)”;

(b) fil-paragrafu 2, il-kliem “fl-Artikolu 55(d)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(d)”.

(29) Fl-Artikolu 97(3), il-kliem “Stat Membru tal-Unjoni” qed jinbidel bil-kliem “Stat Membru tal-Unjoni Ewropea”.

(30) L-Artikolu 107 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem “fl-Artikolu 55(c)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(c)”;

(b) fil-paragrafu 2, il-kliem “fl-Artikolu 55(d)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(d)”.

(31) It-titolu tal-Kapitolu VII qed jinbidel b’dan li ġej:

“Il-proċedura komuni tat-tranżitu bbażata fuq dokumenti fiżiċi għall-merkanzija li tinġarr bl-ajru, il-proċedura komuni tat-tranżitu bbażata fuq manifest elettroniku għall-merkanzija li tinġarr bl-ajru u l-proċedura komuni tat-tranżitu bbażata fuq dokument elettroniku tat-trasport bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-trasport bl-ajru”

(32) Fl-Artikolu 108(2), il-kliem “fl-Artikolu 55(e)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(e)”.

(33) Fl-Artikolu 110(3), il-kliem “fl-Artikolu 55(e)” qed jinbidel bil-kliem “fl-Artikolu 55(1)(e)”.

(34) L-Artikolu 111 qed jinbidel b’dan li ġej:

“1. Kumpanija tal-ajru tista’ tiġi awtorizzata tuża manifest elettroniku bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għall-użu tal-proċedura komuni tat-tranżitu għall-merkanzija li tinġarr bl-ajru.

2. Mal-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni għal dik l-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet doganali kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-pajjiżi l-oħrajn li fit-territorji tagħhom jinsabu l-ajruporti tat-tluq u tad-destinazzjoni konnessi b'sistemi elettroniċi li jippermettu l-iskambju tal-informazzjoni.

   Jekk ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni fi żmien 60 jum, l-awtoritajiet doganali kompetenti għandhom joħorġu l-awtorizzazzjoni

3. Il-kumpanija tal-ajru għandha tibgħat il-manifest imħejji fl-ajruport tat-tluq lill-ajruport tad-destinazzjoni bl-użu ta' sistema elettronika li tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni.

4. Il-kumpanija tal-ajru għandha ddaħħal wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin maġenb l-oġġetti rilevanti fil-manifest:

   (a) "T1" meta l-merkanzija tiċċirkola taħt il-proċedura T1;

   (b) il-kodiċi "T2" jew "T2F", kif xieraq, fejn il-merkanzija tiċċirkola taħt il-proċedura T2 u, skont id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni, id-dħul ta' dan il-kodiċi huwa obbligatorju;

   (c) "TD" għall-merkanzija li diġà tiċċirkola taħt proċedura tat-tranżitu. F'dawk il-każijiet, il-kumpanija tal-ajru għandha ddaħħal ukoll il-kodiċi "TD" fil-polza tal-vjeġġ bl-ajru korrispondenti kif ukoll referenza għall-proċedura użata, in-numru u d-data tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu jew tad-dokument ta' trasferiment u l-isem tal-uffiċċju mittenti;

   (d) "C" (ekwivalenti għal "T2L") jew "F" (ekwivalenti għal "T2LF"), kif xieraq, għall-merkanzija tal-Unjoni mhux imqiegħda taħt proċedura tat-tranżitu;

   (e) "X" għal merkanzija tal-Unjoni li l-esportazzjoni tagħha kienet intemmet u l-ħruġ ikkonfermat u li ma tqegħditx taħt proċedura tat-tranżitu.

5. Il-manifest għandu jinkludi wkoll l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 109(1)(c) sa (f) u (2).

6. Il-proċedura komuni tat-tranżitu għandha titqies li ntemmet meta l-manifest mgħoddi minn sistema elettronika li tippermetti l-iskambju tal-informazzjoni jkun disponibbli għall-awtoritajiet doganali kompetenti tal-ajruport tad-destinazzjoni u l-merkanzija tkun ġiet ippreżentata lilhom.

7. Ir-reġistri miżmuma mill-kumpanija tal-ajru li jippermettu lill-awtoritajiet doganali kompetenti sabiex iwettqu l-kontrolli effettivi għandu jkollhom minn tal-inqas l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3.

   Fejn meħtieġ, l-awtoritajiet doganali kompetenti fl-ajruport tad-destinazzjoni għandhom jibagħtu lill-awtoritajiet doganali kompetenti fl-ajruport tat-tluq, għall-finijiet ta' verifika, id-dettalji rilevanti tal-manifesti riċevuti permezz ta' sistema elettronika li tippermetti l-iskambju tal-informazzjoni.

8. Il-kumpanija tal-ajru għandha tinnotifika lill-awtoritajiet doganali kompetenti dwar ir-reati u l-irregolaritajiet kollha.

9. L-awtoritajiet doganali kompetenti fl-ajruport tad-destinazzjoni għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali kompetenti fl-ajruport tat-tluq u lill-awtorità doganali kompetenti li ħarġet l-awtorizzazzjoni dwar ir-reati u l-irregolaritajiet kollha mal-ewwel opportunità."

(35) Qed jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 111 a*

Il-konsultazzjoni qabel l-awtorizzazzjonijiet biex jintuża dokument elettroniku tat-trasport bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-trasport bl-ajru

1. Wara li tkun eżaminat jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 57(4) għall-awtorizzazzjoni marbuta mal-użu ta' dokument elettroniku tat-trasport bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-trasport bl-ajru msemmija fl-Artikolu 55(1)(h) humiex issodisfati, l-awtorità doganali kompetenti li tagħti l-awtorizzazzjoni għandha tikkonsulta mal-awtorità doganali fl-ajruporti tat-tluq u tad-destinazzjoni.

   Meta, wara l-eżami msemmi fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità doganali kkonsultata tistabbilixxi li l-applikant ma jissodisfax waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet u l-kriterji għall-għoti tal-awtorizzazzjoni, ir-riżultati, iddokumentati u ġustifikati kif suppost, għandhom jintbagħtu lill-awtorità doganali kompetenti li tagħti l-awtorizzazzjoni.

2. Il-limitu ta' żmien għall-konsultazzjoni għandu jkun iffissat għal 45 jum mid-data tal-komunikazzjoni mill-awtorità doganali kompetenti li tagħti l-awtorizzazzjoni tal-kundizzjonijiet li jridu jiġu eżaminati mill-awtoritajiet doganali kkonsultati.

3. Il-limitu ta' żmien stabbilit għall-konsultazzjoni b'konformità mal-paragrafu 1 jista' jiġi estiż mill-awtorità doganali kompetenti li tagħti l-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

   (a) meta, minħabba n-natura tal-eżamijiet li jridu jitwettqu, l-awtorità kkonsultata titlob aktar żmien;

   (b) meta l-applikant jagħmel aġġustamenti sabiex jiżgura li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet u l-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 u jikkomunikahom lill-awtorità doganali kompetenti li tagħti l-awtorizzazzjoni, li għandha tinforma lill-awtorità doganali kkonsultata dwar dan.

4. Meta l-awtorità doganali kkonsultata ma tirrispondix fil-limitu ta' żmien stabbilit għall-konsultazzjoni b'konformità mal-paragrafu 2, il-kundizzjonijiet li għalihom saret il-konsultazzjoni jitqiesu li huma ssodisfati.

5. Il-proċedura ta' konsultazzjoni stabbilita fil-paragrafi 1 sa 4 tista' tiġi applikata wkoll għall-finijiet ta' valutazzjoni mill-ġdid u ta' monitoraġġ ta' awtorizzazzjoni.

Artikolu 111b

Formalitajiet għall-użu ta' dokument elettroniku tat-trasport bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu għat-trasport bl-ajru

1. Il-merkanzija għandha tiġi rilaxxata għall-proċedura komuni tat-tranżitu meta d-dettalji tad-dokument elettroniku tat-trasport ikunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-uffiċċju doganali tat-tluq fl-ajruport skont il-mezzi definiti fl-awtorizzazzjoni.

2. Meta l-merkanzija trid titqiegħed taħt il-proċedura komuni tat-tranżitu, id-detentur tal-proċedura għandu jdaħħal il-kodiċijiet xierqa ħdejn l-oġġetti rilevanti fid-dokument elettroniku tat-trasport:

(a) “T1” – il-merkanzija li ma jkollhiex l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, li titqiegħed taħt il-proċedura komuni tat-tranżitu;

(b) “T2” – il-merkanzija li jkollha l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, li titqiegħed taħt il-proċedura komuni tat-tranżitu;

(c) “T2F” – Il-merkanzija li jkollha l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, li tiċċirkola bejn parti mit-territorju doganali tal-Unjoni fejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE[1] jew tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE[2] ma japplikawx u pajjiż ta’ tranżitu komuni;

(d) “C” – Il-merkanzija tal-Unjoni mhux imqiegħda taħt proċedura tat-tranżitu;

(e) “TD” – Il-merkanzija li diġà tqiegħdet taħt proċedura tat-tranżitu;

(f) “X” – Il-merkanzija tal-Unjoni li l-esportazzjoni tagħha kienet intemmet u l-ħruġ ikkonfermat u li ma tqegħditx taħt proċedura tat-tranżitu.

3. Il-proċedura komuni tat-tranżitu għandha tintemm meta l-merkanzija tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fl-ajruport, u d-dettalji tad-dokument elettroniku tat-trasport ikunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni ta’ dak l-uffiċċju doganali b’konformità mal-mezzi definiti fl-awtorizzazzjoni.

4. Id-detentur tal-proċedura għandu jinnotifika lill-uffiċċji doganali tat-tluq u tad-destinazzjoni minnufih dwar ir-reati u l-irregolaritajiet kollha.

5. Il-proċedura komuni tat-tranżitu titqies li ġiet magħluqa sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkunux irċevew informazzjoni jew ikunu stabbilew li l-proċedura ma tkunx intemmet b’mod korrett.”

---

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU UE L 347, 11.12.2006, p. 1).

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU UE L9, 14.1.2009, p. 12).

ANNESS B

L-Anness II tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni tat-tranżitu huwa emendat kif ġej:

(1) Wara t-titolu tal-Anness II, il-kliem "Parti 1" qed jitħassar.

(2) il-Punt 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tieni inċiż tal-punt 2.1, qed jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika tat-tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), DAU stampat fuq karta vojta mis-sistema kompjuterizzata tal-operatur ekonomiku, kif previst fl-Anness B6a tal-Appendiċi III, jew";

(b) fit-tielet inċiż tal-punt 2.1, il-punt qed jinbidel b'punt u virgola;

(c) fit-tielet inċiż tal-punt 2.1, qed jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta' tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), Dokument ta' Akkumpanjament fit-Tranżitu (DAT) issupplimentat minn Lista ta' oġġetti (LtO).";

(d) fil-punt 2.2, qed jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta' tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), il-listi tat-tagħbija li jikkonformaw mal-Anness B5a tal-Appendiċi III u pprovduti permezz tal-formola stabbilita fl-Anness B4a tal-Appendiċi III, jistgħu jintużaw minflok formoli addizzjonali bħala l-parti deskrittiva ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq dokumenti fiżiċi, li tagħha għandhom jifformaw parti integrali.";

(e) fil-punt 2.3, qed jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta' tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), għall-implimentazzjoni tal-punt 2.1 ta' dan l-Anness, id-dikjarazzjoni tat-tranżitu għandha timtela b'konformità mal-Anness B6a tal-Appendiċi III.".

(3) Fl-ewwel inċiż tal-punt 3.1, qed jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta' tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li

tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), id-dikjarazzjoni tat-tranżitu għandha timtela u tiġi ppreżentata lill-uffiċċju doganali tat-tluq f’kopji 1, 4 u 5 tad-DAU b’konformità mal-Konvenzjoni DAU jew f’żewġ kopji tad-DAT, issupplimentata, jekk ikun meħtieġ, mil-LtO, b’konformità mal-Annessi A3a, A4a, A5a u A6a tal-Appendiċi III;”

(4) il-Punt 19 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 19.1, ir-raba’ inċiż se jsir il-punt 19.2;

(b) se jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“19.3 Il-perjodu tal-validità ta' ċertifikat ta' garanzija komprensiva jew ta' ċertifikat ta’ rinunzja mill-garanzija ma għandux jaqbeż is-sentejn. Madankollu, dan il-perjodu jista' jiġi estiż mill-uffiċċju doganali tal-garanzija għal perjodu ulterjuri li ma jaqbiżx is-sentejn.

19.4 Mid-data effettiva tar-revoka ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' garanzija komprensiva jew ir-revoka u l-kanċellazzjoni ta' impenn previst f'każ ta garanzija komprensiva, kwalunkwe ċertifikat maħruġ ma jistax jintuża sabiex titqiegħed merkanzija taħt il-proċedura komuni tat-tranżitu u għandu jintbagħat lura mid-detentur tal-proċedura lill-uffiċċju doganali tal-garanzija mingħajr dewmien.

19.5. Kull pajjiż għandu jibgħat lill-Kummissjoni Ewropea informazzjoni dwar il-mezzi li permezz tagħhom jistgħu jiġu identifikati ċ-ċertifikati li għadhom validi u li għadhom ma ġewx irritornati, jew li ġew iddikjarati bħala misruqa, mitlufa jew falsifikati. Il-Kummissjoni għandha tinforma b'dan lill-pajjiżi l-oħrajn.”.

(5) il-Punt 20.1 huwa emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafu li ġej qed jiddaħħal bħala t-tieni subparagrafu:

“Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta’ tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), l-awtorità doganali tista’ taċċetta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu ssupplimentata mil-listi tat-tagħbija li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Anness B5a tal-Appendiċi III.”;

(b) fit-tielet inċiż, il-punt qed jinbidel b’punt u virgola;

(c) fit-tielet inċiż, qed jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Mid-dati tat-tnedija tal-aġġornament tas-sistema elettronika ta’ tranżitu msemmija fl-Artikolu 4, li hemm referenza għalihom fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), dawn jinkludu, għal kull oġġett, l-informazzjoni mitluba fl-Anness B5a tal-Appendiċi III.”.

ANNESS C

L-Appendiċi II tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2a(1), fl-ewwel inċiż, il-kliem "Stat Membru" qed jinbidel bil-kliem "Stat Membru tal-Unjoni Ewropea".

(2) Il-paragrafu (2) tal-Artikolu 5 qed jinbidel b'dan li ġej:

"Id-dokument T2L għandu jkollu fuqu l-kodiċi" "T2L" jew "T2LF"."

(3) Fl-Artikolu 6(4), il-kliem "l-Anness B5" qed jinbidel bil-kliem "l-Anness B5a".

(4) Fl-Artikolu 7(1), il-kliem "tal-Artikolu 45" qed jinbidel bil-kliem "tal-Artikolu 57".

(5) Fl-Artikolu 7(2)(c), il-kliem "l-Anness B5" qed jinbidel bil-kliem "l-Anness B5a".

(6) Fl-Artikolu 7(3), il-kelma "intrapriżi" qed tinbidel bil-kelma "operaturi ekonomiċi".

(7) It-titolu tal-Artikolu 8 qed jinbidel b'dan li ġej:

"Ħruġ ta' dokument T2L"

(8) Fl-Artikolu 8(1), il-kelma "jiġi pprovdut" qed tinbidel bil-kelma "jinħareġ".

(9) Fl-Artikolu 9(7), il-kliem "tal-EFTA" qed jinbidel bil-kliem "ta' tranżitu komuni".

(10) L-Artikolu 11 qed jitħassar.

(11) Fl-Artikolu 14(1), il-kliem "fl-Artikolu 45" qed jinbidel bil-kliem "fl-Artikolu 57(1), 2(d) u (6)".

(12) Fl-Artikolu 14(2), il-kliem "tal-Artikoli 46 sa 51" qed jinbidel bil-kliem "tal-Artikolu 59, 60, 61(3), 62 sa 69 u 72".

(13) L-Artikolu 15(b) qed jinbidel b'dan li ġej:

"(b) iċ-ċirkostanzi li fihom il-konsenjatur awtorizzat għandu jiġġustifika l-użu tal-formoli;"

(14) Fl-Artikolu 16(1), il-kelma "jkollha" qed tinbidel bil-kliem "għandu jkollha".

(15) Fl-Artikolu 16(3), il-kliem "uffiċċju tat-tluq" qed jinbidel bil-kliem "awtorità kompetenti".

(16) Fl-Artikolu 18(2)(a), il-kliem "Artikolu 45" qed jinbidel bil-kliem "Artikolu 57(1), (2)(d) u (6)" u l-kliem "Artikolu 45(1)(a)" qed jinbidel bil-kliem "Artikolu 57(1)(a)".

(17) Qed jiddaħħal Artikolu 18a ġdid:

"Artikolu 18a

Manifest tal-merkanzija doganali

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull pajjiż jistgħu jawtorizzaw il-kumpaniji marittimi biex jipprovdu l-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni permezz ta' manifest tal-merkanzija doganali relatata mal-merkanzija trażmessa permezz tal-iskambju elettroniku tad-dejta.

2. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata biss lil kumpaniji marittimi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 57(1)(a) u (b) u (2)(d) tal-Appendiċi I.

3. L-emittenti awtorizzati li jistabbilixxu l-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni permezz ta' manifest tal-kumpanija marittima kif

stabbilit fl-Artikolu 10, jista' wkoll joħroġ il-manifest tal-merkanzija doganali msemmi f'dan l-Artikolu.

4. Il-manifest tal-merkanzija doganali għandu jinkludi mill-anqas l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 10(2).”

(18) Fl-Artikolu 22(2), il-kelma “reġistrazzjoni” qed tinbidel bil-kelma “aċċettazzjoni” u l-kliem “Artikolu 18(5)” qed jinbidel bil-kliem “Artikolu 30(2)”.

ANNESS D

L-Annessi li ġejjin qed jiżdiedu mal-Appendiċi IIIa tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni tat-tranżitu:

1) Anness B2a

ANNESS B2a

Dan l-Anness se japplika mid-data tat-tnedija tas-sistema PoUS imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6).

REKWIŻITI KOMUNI TAD-DEJTA GĦAL T2L/T2LF BĦALA PROVA TAL-ISTATUS DOGANALI TAL-MERKANZIJA TAL-UNJONI

Titolu I

ĠENERALI

(1) L-elementi tad-dejta li jridu jiġu pprovduti għal T2L/T2LF bħala prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni huma stabbiliti fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar kull element tad-dejta kif inhuma deskritti fit-Titolu I tal-Appendiċi II japplikaw mingħajr preġudizzju għall-istatus tal-elementi tad-dejta kif definiti fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta.

(2) Is-simboli "A", "B" jew "C" fit-tabella ta' hawn taħt ma għandhom l-ebda effett fuq il-fatt li ċerta dejta tinġabar biss meta ċ-ċirkostanzi jitolbu dan. Jistgħu jiġu kkumplimentati minn kundizzjonijiet jew kjarifiki elenkati fin-noti marbuta mar-rekwiżiti tad-dejta.

(3) Il-formati, il-kodiċijiet u, jekk applikabbli, l-istruttura tar-rekwiżiti tad-dejta deskritti f'dan l-Anness huma speċifikati fl-Anness B3a.

Titolu II

SIMBOLI

Simboli fiċ-ċelloli

Simbolu	Deskrizzjoni tas-simbolu
A	Obbligatorju: dejta meħtieġa minn kull pajjiż
B	Fakultattiv għall-pajjiżi: dejta li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jdaħħluhiex.

Simbolu	Deskrizzjoni tas-simbolu
C	Fakultattiv għad-dikjaranti: dejta li d-dikjaranti jistgħu jiddeċiedu li jagħtu iżda li ma tistax tintalab mill-pajjiżi
X	Element tad-dejta meħtieġ fil-livell ta' oġġett ta' prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni. L-informazzjoni mdaħħla fil-livell ta' oġġett tal-merkanzija hija valida biss għall-oġġetti tal-merkanzija kkonċernati.
Y	Element tad-dejta meħtieġ fil-livell tal-intestatura ta' prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni. L-informazzjoni mdaħħla fil-livell tal-intestatura hija valida għall-oġġetti kollha tal-merkanzija ddikjarati.

Kull tip ta' kombinazzjoni tas-simboli "X" u "Y" tfisser li dak l-element tad-dejta partikulari jista' jingħata mid-dikjarant fi kwalunkwe livell ikkonċernat.

Titolu III

Taqsima I

TABELLA DWAR IR-REKWIŻITI TAD-DEJTA

(In-noti ta' din it-tabella huma inklużi fil-parenteżi)

Grupp 1 – Informazzjoni fil-messaġġ (inklużi l-kodiċijiet proċedurali)

E.D. Nru	Nru tal-Kaxxa	Isem l-E.D.	T2L/T2LF
1/3	1/3	Prova tat-tip ta' status doganali	A XY
1/4	3	Formoli	B (1) (2) Y
1/5	4	Listi tat-tagħbija	B (1) Y
1/6	32	Numru tal-oġġett tal-merkanzija	A

E.D. Nru	Nru tal-Kaxxa	Isem l-E.D.	T2L/T2LF
			(2) X
1/8	54	Firma/awtentikazzjoni	A Y
1/9	5	Għadd totali ta' oġġetti	B (1) Y

Grupp 2 – Referenzi ta' messaġġi, dokumenti, ċertifikati, awtorizzazzjonijiet

E.D. Nru	Nru tal-Kaxxa	E.D. Isem	T2L/T2LF
2/1	40	Dikjarazzjoni ssimplifikata/Dokumenti preċedenti	A XY
2/2	44	Informazzjoni addizzjonali	A XY
2/3	44	Dokumenti prodotti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet. Referenzi addizzjonali	A (7) XY
2/5		LRN	A Y

Grupp 3 – Partijiet

E.D. Nru	Nru tal-Kaxxa	E.D. Isem	T2L/T2LF
3/1	2	Esportatur	A (13) (51) XY
3/2	2 (nru)	Nru ta' identifikazzjoni tal-esportatur	A (52) XY

E.D. Nru	Nru tal-Kaxxa	E.D. Isem	T2L/T2LF
3/20	14 (nru)	Numru ta' identifikazzjoni tar-rappreżentant	A Y
3/21	14	Kodiċi tal-istatus tar-rappreżentant	A Y
3/43		Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tkun qed titlob prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni	A Y

Grupp 5 – Dati/Ħinijiet/Perjodi/Postijiet/Pajjiżi/Reġjuni

E.D. Nru	Nru tal-Kaxxa	E.D. Isem	T2L/T2LF
5/4	50,54	Data tad-dikjarazzjoni	B (1) Y
5/5	50,54	Post tad-dikjarazzjoni	B (1) Y
5/28		Validità mitluba tal-prova	A Y

Grupp 6 – Identifikazzjoni tal-merkanzija

E.D. Nru	Nru tal-Kaxxa	E.D. Isem	T2L/T2LF
6/1	38	Massa netta (f'kg)	A (23) X
6/5	35	Massa grossa (f'kg)	A XY
6/8	31	Deskrizzjoni tal-merkanzija	A X
6/9	31	Tip ta' pakketti	A

E.D. Nru	Nru tal-Kaxxa	E.D. Isem	T2L/T2LF
			X
6/10	31	Għadd ta’ pakketti	A X
6/11	31	Marki tat-trasport	A X
6/14	33(1)	Kodiċi tal-Merkanzija - Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda	A (23) X
6/18	6	Total ta’ pakketti	B Y

Grupp 7 – Informazzjoni dwar it-trasport (modi, mezzi u tagħmir)

E.D. Nru	Nru tal-Kaxxa	E.D. Isem	T2L/T2LF
7/2	19	Kontejner	A Y
7/10	31	Numru ta’ identifikazzjoni tal-kontejner	A XY

Taqsima II

NOTI

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
(1)	Il-pajjiżi jistgħu jirrikjedu dan l-element tad-dejta biss fil-kuntest ta’ proċeduri bbażati fuq dokumenti fiżiċi
(2)	Meta d-dikjarazzjoni bbażata fuq dokumenti fiżiċi tkopri biss oġġett wieħed ta’ merkanzija, il-pajjiżi jistgħu jipprevedu li din il-kaxxa titħalla vojta, wara li ċ-ċifra “1” tkun iddaħħlet fil-kaxxa 5.
(7)	Il-pajjiżi jistgħu jirrinunzjaw għal dan l-obbligu jekk is-sistemi tagħhom jippermettulhom li jiddeduċu din l-informazzjoni awtomatikament u mingħajr ambigwità mill-informazzjoni disponibbli xi mkien ieħor fid-dikjarazzjoni.
(13)	Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – din l-informazzjoni hija obbligatorja

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
	biss fil-każijiet li ma jingħatax in-numru EORI fl-Unjoni jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni. Meta jingħata n-numru EORI fl-Unjoni jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni, l-isem u l-indirizz ma għandhomx jingħataw sakemm ma tkunx qed tintuża dikjarazzjoni bbażata fuq dokumenti fiżiċi.
(23)	Timtela biss meta l-leġiżlazzjoni tal-pajjiżi ta' tranżitu komuni tipprevedi dan.
(51)	Għall-pajjiżi ta' tranżitu komuni - din l-informazzjoni hija obbligatorja.
(52)	Għall-pajjiżi ta' tranżitu komuni - din l-informazzjoni hija obbligatorja. Għandhom jingħataw in-numru EORI fl-Unjoni u n-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni. Jekk ma jkunx ingħata n-numru EORI, għandu jingħata biss in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

Titolu IV

NOTI DWAR IR-REKWIŻITI TAD-DEJTA

Taqsima I

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti li jinsabu f'dan it-titolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fit-Taqsima I tal-Kapitolu 3 tat-Titolu I ta' dan l-Anness.

Taqsima II

Rekwiżiti tad-dejta

1/3. Prova tat-tip ta' status doganali

Daħħal il-kodiċi rilevanti.

1/4. Formoli

Daħħal in-numru tas-subsett b'rabta mal-għadd totali ta' subsettijiet ta' formoli u l-formoli addizzjonali użati. Pereżempju, jekk ikun hemm formola waħda u żewġ folji addizzjonali, niżżel "1/3" fuq il-formola, "2/3" fuq l-ewwel folja addizzjonali u "3/3" fuq it-tieni folja addizzjonali.

Meta l-prova tal-istatus issir fuq żewġ settijiet ta' erba' kopji minflok wieħed ta' tmien kopji, iż-żewġ settijiet iridu jkunu ttrattati bħala wieħed bil-għan li jiġi stabbilit in-numru ta' formoli.

1/5. Listi tat-tagħbija

Daħħal f'ċifri n-numru ta' kwalunkwe lista tat-tagħbija li tkun mehmuża, jew ta' listi deskrittivi kummerċjali meta dawn ikunu awtorizzati mill-awtorità kompetenti.

1/6. Numru tal-oġġett tal-merkanzija

In-numru tal-oġġett b'rabta mal-għadd totali ta' oġġetti li hemm fil-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, fejn ikun hemm aktar minn oġġett wieħed tal-merkanzija.

1/8. Firma/Awtentikazzjoni

Firma jew awtentikazzjoni b'mod ieħor tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni.

1/9. Għadd totali ta' oġġetti

L-għadd totali ta' oġġetti tal-merkanzija indikat fil-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni kkonċernata. L-oġġett tal-merkanzija huwa ddefinit bħala l-merkanzija fi prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni li għandha inkomuni d-dejta kollha bl-attribut "X" fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fit-Titolu I, il-Kapitolu 3, it-Taqsima I ta' dan l-Anness.

2/1. Dikjarazzjoni ssimplifikata/Dokumenti preċedenti

Jekk applikabbli, daħħal ir-referenza tad-dikjarazzjoni doganali li fuq il-bażi tagħha tkun inħarġet il-prova tal-istatus.

Meta jingħata l-MRN tad-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera u l-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni ma tkunx tikkonċerna l-oġġetti kollha tal-merkanzija tad-dikjarazzjoni doganali, daħħal in-numri tal-oġġetti rispettivi fid-dikjarazzjoni doganali.

2/2. Informazzjoni addizzjonali

Daħħal il-kodiċi rilevanti.

2/3. Dokumenti prodotti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet, referenzi addizzjonali

(a) L-identifikazzjoni jew in-numru ta' referenza ta' dokumenti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet tal-Unjoni jew internazzjonali li jitħejjew b'appoġġ għall-prova tal-istatus, u referenzi addizzjonali.

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, daħħal id-dettalji meħtieġa minn kwalunkwe regola speċifika applikabbli flimkien ma' dejta ta' referenza tad-dokumenti li jitħejjew b'appoġġ għall-prova tal-istatus, u referenzi addizzjonali.

(b) L-identifikazzjoni jew in-numru ta' referenza ta' dokumenti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet nazzjonali li jitħejjew b'appoġġ għall-prova tal-istatus, u referenzi addizzjonali.

Jekk ikun applikabbli, daħħal in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-emittent awtorizzat.

2/5. LRN

Għandu jintuża n-numru ta' referenza lokali (NRL). Dan jiġi ddefinit fil-livell nazzjonal u jiġi allokat mid-dikjarant bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti biex tiġi identifikata kull prova.

3/1. Esportatur

Daħħal l-isem u l-indirizz sħaħ tal-persuna kkonċernata.

3/2 Numru ta' Identifikazzjoni tal-Esportatur

Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – daħħal in-numru EORI.

Għal pajjiżi ta' tranżitu komuni - daħħal in-numru EORI fl-Unjoni kif ukoll in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni. Jekk ma jkunx ingħata n-numru EORI, għandu jingħata biss in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

3/20. Numru ta' identifikazzjoni tar-rappreżentant

Din l-informazzjoni għandha tintalab jekk tkun differenti mill-E.D. 3/43 Persuna li titlob prova tal-istatus doganali tan-numru ta' identifikazzjoni tal-merkanzija tal-Unjoni.

Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – daħħal in-numru EORI.

Għal pajjiżi ta' tranżitu komuni - daħħal in-numru EORI fl-Unjoni kif ukoll in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni. Jekk ma jkunx ingħata n-numru EORI, għandu jingħata biss in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

3/21. Kodiċi tal-istatus tar-rappreżentant

Daħħal il-kodiċi rilevanti li jirrappreżenta l-istatus tar-rappreżentant.

3/43. Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tkun qed titlob prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni

Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – daħħal in-numru EORI.

Għal pajjiżi ta' tranżitu komuni - daħħal in-numru EORI fl-Unjoni kif ukoll in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni. Jekk ma jkunx ingħata n-numru EORI, għandu jingħata biss in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

5/4. Data tad-dikjarazzjoni

Id-data meta l-prova ta-istatus rispettiva tkun inħarġet u, fejn xieraq, ġiet iffirmata jew awtentikata b'mod ieħor.

5/5. Post tad-dikjarazzjoni

Post fejn tkun inħarġet il-prova tal-istatus rispettiva.

5/28. Validità mitluba tal-prova

Indika l-validità tal-prova mitluba tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni espressa fi ġranet.

6/1. Massa netta (f'kg)

Daħħal il-massa netta, espressa f'kilogrammi, għal kull oġġett tal-merkanzija. Il-massa netta hija l-piż tal-merkanzija mingħajr ebda ppakkjar.

Meta massa netta akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), tista' tiġi aġġustata b'dan il-mod:

— minn 0,001 sa 0,499: jiġi aġġustat 'l isfel sal-eqreb kg,

— minn 0,5 sa 0,999: jiġi aġġustat 'il fuq sal-eqreb kg.

Massa netta ta' anqas minn 1 kg jenħtieġ li tiddaħħal bħala "0," segwit minn għadd ta' deċimali sa 6, u jitneħħew iż-"0" kollha fit-tarf tal-kwantità (eż. 0,123 għal pakkett ta' 123 gramma, 0,00304 għal pakkett ta' 3 grammi u 40 milligramma jew 0,000654 għal pakkett ta' 654 milligramma).

6/5. Massa grossa (f'kg))

Il-massa grossa hija l-piż tal-merkanzija inkluż l-ippakkjar, iżda mingħajr it-tagħmir tat-trasportatur.

Meta massa grossa akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), din tista' tiġi aġġustata b'dan il-mod:

— minn 0,001 sa 0,499: jiġi aġġustat 'l isfel sal-eqreb kg,

— minn 0,5 sa 0,999: jiġi aġġustat 'il fuq sal-eqreb kg.

Massa grossa ta' anqas minn 1 kg jenħtieġ li tiddaħħal bħala "0," segwit minn għadd ta' deċimali sa 6, u jitneħħew iż-"0" kollha fit-tarf tal-kwantità (eż. 0,123 għal pakkett ta' 123 gramma, 0,00304 għal pakkett ta' 3 grammi u 40 milligramma jew 0,000654 għal pakkett ta' 654 milligramma).

Fejn ikun possibbli, l-operatur ekonomiku jista' jipprovdi dak il-piż fil-livell tal-oġġett tal-merkanzija.

6/8. Deskrizzjoni tal-merkanzija

Daħħal id-deskrizzjoni kummerċjali normali. Meta jrid jingħata l-kodiċi tal-merkanzija, id-deskrizzjoni trid tkun preċiża biżżejjed li tippermetti li l-merkanzija tiġi kklassifikata.

6/9. ***Tip ta' pakketti***

Daħħal il-kodiċi li jispeċifika t-tip ta' pakkett.

6/10. Għadd ta' pakketti

L-għadd totali ta' pakketti abbażi tal-iżgħar unità esterna tal-ippakkjar. Dan huwa l-għadd ta' oġġetti individwali ppakkjati b'tali mod li ma jistgħux jiġu diviżi mingħajr ma l-ewwel jiżżarma l-ippakkjar, jew l-għadd ta' biċċiet, jekk ma jkunux ippakkjati.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata meta l-merkanzija tkun f'bulk.

6/11. Marki tat-trasport

Forma libera ta' deskrizzjoni tal-marki u n-numri fuq l-unitajiet jew fuq il-pakketti tat-trasport.

6/14. Kodiċi tal-merkanzija — Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda

Daħħal il-kodiċi tal-merkanzija magħmul minn tal-anqas sitt ċifri tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Oġġetti. Il-kodiċi tal-merkanzija jista' jkun estiż għal tmien ċifri għall-użu nazzjonali.

7/2. ***Kontejner***

Daħħal is-sitwazzjoni prevista waqt il-qsim tal-fruntiera tal-Parti Kontraenti, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli fil-mument tal-preżentazzjoni tat-talba għall-prova, bl-użu tal-kodiċi rilevanti.

7/10. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner***

Il-marki (ittri u/jew numri) li jidentifikaw il-kontejner għat-trasport.

Għal mezzi ta' trasport minbarra bl-ajru, kontejner huwa kaxxa speċjali li fiha tinġarr it-tagħbija, li tkun imsaħħa u stivabbli u li tippermetti trasferimenti orizzontali jew vertikali.

Bil-mezz ta' trasport bl-ajru, il-kontejners huma kaxxi speċjali għall-ġarr tat-tagħbija, li jkunu msaħħa u jippermettu trasferimenti orizzontali jew vertikali.

Fil-kuntest ta' dan l-element tad-dejta, il-kaxxi skambjabbli u s-semitrejlers li jintużaw għal trasport bit-triq u bil-ferrovija għandhom jitqiesu bħala kontejners.

Jekk ikun applikabbli, għal kontejners li jkunu koperti mill-istandard ISO 6346, minbarra n-numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner għandu jingħata wkoll l-identifikatur (prefiss) allokat mill-Bureau Internazzjonali għall-Kontejners u t-Trasport Intermodali (BIC).

Għal kaxxi skambjabbli u semitrejlers għandu jintuża l-kodiċi tal-UTI (Unitajiet ta' Tagħbija Intermodali) kif introdott mill-istandard Ewropew EN 13044.

2) Anness B3a

ANNESS B3a

Dan l-Anness se japplika mid-data tat-tnedija tas-sistema PoUS imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6).

FORMATI U KODIĊIJIET TAR-REKWIŻITI KOMUNI TAD-DEJTA GĦAL T2L/T2LF BĦALA PROVA TAL-ISTATUS DOGANALI TAL-MERKANZIJA TAL-UNJONI

Titolu I

ĠENERALI

1. Il-formati, il-kodiċijiet u, jekk applikabbli, l-istruttura tal-elementi ta' dejta inklużi f'dan l-Anness huma applikabbli b'rabta mar-rekwiżiti tad-dejta għall-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, speċifikati fit-Titolu III tal-Anness B2a.

2. Il-formati, il-kodiċijiet u, jekk applikabbli, l-istruttura tal-elementi ta' dejta definiti f'dan l-Anness għandhom japplikaw għall-prova bbażata fuq dokumenti fiżiċi tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni.

3. It-Titolu II ta' dan l-Anness jinkludi l-formati tal-elementi ta' dejta.

4. Kull meta l-informazzjoni fi prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni indirizzata fit-Titolu III tal-Anness B2a tieħu l-forma ta' kodiċijiet, għandha tiġi applikata l-lista ta' kodiċijiet prevista fit-Titolu III ta' dan l-Anness.

5. It-terminu "tip/tul" fl-ispjegazzjoni ta' attribut jindika r-rekwiżiti għat-tip tad-dejta u għat-tul tad-dejta. Il-kodiċijiet għat-tipi tad-dejta huma kif ġej:

   a alfabetiku

   n numeriku

   an alfanumeriku

   In-numru ta' wara l-kodiċi jindika it-tul awtorizzat tad-dejta. Japplika dan li ġej.

   Iż-żewġ punti fakultattivi qabel l-indikazzjoni tat-tul ifissru li d-dejta ma għandhiex tul fiss, imma tista' tinkludi numru ta' ċifri, kif speċifikat mill-indikazzjoni tat-tul. Virgola fit-tul tad-dejta tfisser li l-attribut jista' jkollu deċimali, iċ-ċifra qabel il-virgola tindika t-tul totali tal-attribut, iċ-ċifra wara l-virgola tindika n-numru massimu ta' ċifri wara l-punt deċimali.

   Eżempji ta' tulijiet u ta' formati tat-taqsimiet:

   a1 karattru alfabetiku wieħed, tul fiss

   n2 żewġ karattri numeriċi, tul fiss

an3 tliet karattri alfanumeriċi, tul fiss

a..4 sa erba' karattri alfabetiċi

n..5 sa ħames karattri numeriċi

an..6 sa sitt karattri alfanumeriċi

n..7,2 sa seba' karattri numeriċi inkluż massimu ta' żewġ deċimali, b'limitatur li jitħalla jidher fil-wiċċ.

6. Il-kardinalità fil-livell tal-intestatura inkluża fit-tabella fit-Titolu II ta' dan l-Anness tindika kemm-il darba l-element tad-dejta jista' jintuża fil-livell tal-intestatura fi prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni.

7. Il-kardinalità fil-livell tal-oġġetti inkluża fit-tabella fit-Titolu II ta' dan l-Anness tindika kemm-il darba l-element tad-dejta jista' jiġi ripetut b'rabta mal-oġġett fil-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni kkonċernata.

Titolu II

FORMATI U KARDINALITÀ TAR-REKWIŻITI KOMUNI TAD-DEJTA GĦALL-PROVA TAL-ISTATUS DOGANALI TAL-MERKANZIJA TAL-UNJONI

Numru tal-ordni tal-E.D.	**Isem tal-E.D.**	**Format tal-E.D. (Tip/tul)**	**Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)**	**Kardinalità fil-livell tal-intestatura**	**Kardinalità fil-livell tal-oġġett**	**Noti**
1/3	Prova tat-tip ta' status doganali	an..5	Iva	1x	1x	
1/4	Formoli	n..4	Le	1x		
1/5	Listi tat-tagħbija	n..5	Le	1x		
1/6	Numru tal-oġġett tal-merkanzija	n..5	Le		1x	
1/8	Firma/awtentikazzjoni	an..35	Le	1x		
1/9	Għadd totali ta' oġġetti	n..5	Le	1x		
2/1	Dikjarazzjoni ssimplifikata/	*Kategorija tad-*	Iva	9999x	99x	

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
	Dokumenti preċedenti	*dokument:* a1+ *Tip ta' dokument preċedenti:* an ..3 + *Referenza tad-dokument preċedenti:* an ..35+ *Identifikatur tal-oġġett tal-merkanzija: n..5*				
2/2	Informazzjoni addizzjonali	*Verżjoni fil-formata' kodiċi (il-kodiċijiet tal-Unjoni):* n1 + an4 JEW *(il-kodiċijiet nazzjonali)*: a1 +an4 JEW *Deskrizzjoni ta' kontenut liberu*: an..512	Iva		99x	Il-kodiċijiet huma speċifikati iktar fit-Titolu III
2/3	Dokumenti prodotti, ċertifikati u awtorizzazzjoniji	*Tip ta' dokument (il-kodiċijiet*	Iva	1x	99x	

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
	et, referenzi addizzjonali	*tal-Unjoni):* a1+ an3 JEW *(il-kodiċijiet nazzjonali)*: n1+an3 + *Identifikatur tad-dokument*: an..35				
2/5	LRN	an..22	Le	1x		
3/1	Esportatur	*Isem:* an..70 + *It-triq u n-numru:* an..70 + *Il-pajjiż:* a2 + *Il-kodiċi postali:* an..9 + *Il-belt:* an..35	Le	1x	1x	Il-kodiċi tal-pajjiż: il-kodiċijiet alfabetiċi għall-pajjiżi u għat-territorji huma bbażati fuq il-kodiċijiet ISO alfa 2 (a2) fis-seħħ sa fejn huma konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
						kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji. Il-Kummissjoni regolarment tippubblika r-regolamenti li jaġġornaw il-lista tal-kodiċijiet tal-pajjiżi. Fil-każ ta' kunsinni bi gruppaġġ, meta tintuża prova bbażata fuq dokumenti fiżiċi, il-kodiċi "00200" jista' jintuża flimkien ma' lista ta' esportaturi b'konformità man-noti deskritti għall-E.D. 3/1 Esportatur fit-Titolu III tal-Anness B2a tal-Appendiċi II.
3/2	Nru ta' identifikazzjoni tal-esportatur	an..17	Le	1x	1x	
3/20	Numru ta' identifikazzjoni tar-rappreżentant	an..17	Le	1x		

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
3/21	Kodiċi tal-istatus tar-rappreżentant	n1	Iva	1x		
3/43	Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tkun qed titlob prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni	an..17	Le	1x		
5/4	Data tad-dikjarazzjoni	n8 (ssssxxjj)	Le	1x		
5/5	Post tad-dikjarazzjoni	an..35	Le	1x		
5/28	Perjodu tal-validità mitlub tal-prova	n..3	Le	1x		
6/1	Massa netta (f'kg)	n..16,6	Le		1x	
6/5	Massa grossa (f'kg)	n..16,6	Le	1x	1x	
6/8	Deskrizzjoni tal-merkanzija	an..512	Le		1x	
6/9	Tip ta' pakketti	an..2	Le		99x	Il-lista tal-kodiċijiet tikkorrispondi għall-iktar verżjoni riċenti tar-Rakkomandazzjonijiet NU/KEE Nru 21
6/10	Għadd ta'	n..8	Le		99x	

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
	pakketti					
6/11	Marki tat-trasport	an..512	Le		99x	
6/14	Il-kodiċi tal-merkanzija — Il-kodiċi tan-nomenklatura magħquda	an..8	Le		1x	
6/18	Total ta' pakketti	n..8	Le	1x		
7/2	Kontejner	n1	Iva	1x		
7/10	Numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner	an..17	Le	9999x	9999x	

TITOLU III

KODIĊIJIET B'RABTA MAR-REKWIŻITI KOMUNI TAD-DEJTA GĦALL-PROVA TAL-ISTATUS DOGANALI TAL-MERKANZIJA TAL-UNJONI

Dan it-Titolu jinkludi l-kodiċijiet li jridu jintużaw fuq provi standard ibbażati fuq dokumenti fiżiċi tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni.

1/3. Prova tat-tip ta' status doganali

Kodiċijiet li jridu jintużaw fil-kuntest tad-dokumenti T2L

T2L Prova li tistabbilixxi l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni

T2LF Prova li tistabbilixxi l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni li tkun intbagħtet lejn, minn jew bejn it-territorji fiskali speċjali.

T2LSM Prova li tistabbilixxi l-istatus tal-merkanzija li d-destinazzjoni tagħha tkun San Marino, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 4/92 tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni bejn il-KEE u San Marino tat-22 ta' Diċembru 1992.

2/1. Dikjarazzjoni ssimplifikata/Dokumenti preċedenti

Dan l-element ta' dejta jikkonsisti f'kodiċijiet alfanumeriċi.

Kull kodiċi għandu tliet komponenti. L-ewwel komponent (an..3), li jikkonsisti f'ġabra ta' ċifri u/jew ittri, jintuża sabiex jiġi identifikat it-tip ta' dokument. It-tieni komponent (an..35) jirrappreżenta d-dejta meħtieġa sabiex dak id-dokument jiġi rikonoxxut, jew in-numru tal-identifikazzjoni tiegħu jew inkella xi referenza rikonoxxibbli oħra. It-tielet komponent (an..5) jintuża sabiex jiġi identifikat liema oġġett tad-dokument preċedenti tkun qiegħda ssir referenza għalih.

Meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni doganali bbażata fuq dokumenti fiżiċi, it-tliet komponenti jiġu sseparati b'singijiet (-).”

1. L-ewwel komponent (an..3):

Agħżel l-abbrevjazzjoni għad-dokument mil-“lista ta’ abbrevjazzjonijiet tad-dokumenti” ta’ hawn taħt.

Lista ta' abrevjazzjonijiet għad-dokumenti

(il-kodiċijiet numeriċi estratti mid-Direttorji tal-2014b tan-NU għall-iskambju elettroniku tad-dejta għall-amministrazzjoni, għall-kummerċ u għat-trasport: Il-lista tal-kodiċi għall-element ta’ dejta 1001, l-isem tad-dokument/tal-messaġġ, fil-forma ta’ kodiċi.)

Lista tal-kontejners	235
Nota tal-kunsinna	270
Lista tal-ippakkjar	271
Fattura *pro forma*	325
Dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja	337
Dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul	355
Fattura kummerċjali	380
Waybill mibgħuta minn konsenjatur	703
Polza tal-kargu prinċipali	704
Polza tal-kargu	705
Polza tal-kargu mibgħuta minn konsenjatur	714
Nota ta’ kunsinna għat-trasport bil-ferrovija	720
Ittra tat-twassil għat-trasport bit-triq	730
Ittra għat-trasport bl-ajru	740
Ittra għat-trasport bl-ajru prinċipali	741
Nota tal-ispedizzjoni (pakketti postali)	750
Dokument tat-trasport multimodali/kkombinat (ġeneriku)	760

Manifest tat-tagħbija	785
Bordereau	787
Dikjarazzjoni tat-tranżitu – konsenji mħallta (T)	820
Dikjarazzjoni ta’ tranżitu (T1)	821
Dikjarazzjoni ta’ tranżitu (T2)	822
Dikjarazzjoni ta’ tranżitu (T2F)	T2F
Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni T2L	825
Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni T2LF	T2G
Carnet TIR	952
Carnet ATA	955
Referenza/data tad-dħul fir-reġistri tad-dikjarant	CLE
Folja tal-informazzjoni INF3	IF3
Dikjarazzjoni ssimplifikata	SDE
Dikjarazzjoni MRN	MRN
Manifest tat-tagħbija - proċedura ssimplifikata	MNS
Oħrajn	ZZZ

2. It-tieni komponent (an..35):

In-numru tal-identifikazzjoni jew referenza rikonoxxibbli oħra tad-dokument, hija miktuba hawnhekk.

3. It-tielet komponent (an..5):

In-numru tal-oġġett tal-merkanzija kkonċernata kif mogħti fl-E.D. 1/6. In-numru tal-oġġett tal-merkanzija fuq id-dokument preċedenti.

2/2. Informazzjoni addizzjonali

Jintuża kodiċi ta' ħames ċifri għall-kodifikazzjoni tal-informazzjoni addizzjonali ta' natura doganali. Dan il-kodiċi jsegwi l-informazzjoni addizzjonali ħlief meta l-liġi tal-Partijiet Kontraenti tistipula li l-kodiċi jrid jintuża minflok it-test.

Bażi ġuridika	**Suġġett**	**Informazzjoni addizzjonali**	**Kodiċi**
L-Anness B2a, it-Titolu III	Diversi okkorrenzi ta’ dokumenti u ta’ partijiet	“Varji”	00200

Bażi ġuridika	Suġġett	Informazzjoni addizzjonali	Kodiċi
L-Anness B2a, it-Titolu III	L-identità bejn id-dikjarant u l-konsenjatur	“Konsenjatur”	00300
L-Anness B2a, it-Titolu III	L-identità bejn id-dikjarant u l-esportatur	“Esportatur”	00400
L-Anness B2a, it-Titolu III	L-identità bejn id-dikjarant u d-destinatarju	“Destinatarju”	00500
L-Anness B2a, it-Titolu III	It-talba għal perjodu itwal ta’ validità tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni	“Perjodu itwal ta’ validità tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni”	40100

2/3. Dokumenti prodotti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet, referenzi addizzjonali

(a) Id-dokumenti, iċ-ċertifikati u l-awtorizzazzjonijiet tal-Partijiet Kontraenti jew internazzjonali, li jitħejjew b’appoġġ għall-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, u r-referenzi addizzjonali għandhom jiddaħħlu fil-forma ta’ kodiċi ddefinit fit-Titolu II, segwiti jew b’numru tal-identifikazzjoni jew inkella b’xi referenza rikonoxxibbli oħra. Il-lista tad-dokumenti, taċ-ċertifikati u tal-awtorizzazzjonijiet, u tar-referenzi addizzjonali, u l-kodiċijiet rispettivi tagħhom, huma disponibbli fil-bażi ta’ dejta tat-TARIC.

(b) Id-dokumenti, iċ-ċertifikati u l-awtorizzazzjonijiet nazzjonali li jitħejjew b’appoġġ għall-prova tal-istatus doganali, u r-referenzi addizzjonali għandhom jiddaħħlu fil-forma ta’ kodiċi ddefinit fit-Titolu II, possibbilment segwiti jew b’numru tal-identifikazzjoni jew inkella b’referenza rikonoxxibbli oħra. L-erba’ karattri jirrappreżentaw il-kodiċijiet bbażati fuq in-nomenklatura tal-pajjiżi stess.

3/2. Kodiċi tal-istatus tar-rappreżentant

Daħħal wieħed mill-kodiċijiet (n1) li ġejjin qabel l-isem u l-indirizz sħaħ sabiex jintgħażel l-istatus tar-rappreżentant:

2 Rappreżentant - rappreżentazzjoni diretta (ir-rappreżentant doganali jaġixxi f’isem u għan-nom ta’ persuna oħra)

3 Rappreżentant - rappreżentazzjoni diretta (ir-rappreżentant doganali jaġixxi f’ismu stess, iżda għan-nom ta’ persuna oħra)

Meta dan l-element tad-dejta jkun stampat fuq dokument fiżiku, dan għandu jkun f'parentesi kwadri (Eżempju: [2] jew [3]).

7/2. Kontejner

0 Merkanzija mhux trasportata f'kontejners

1 Merkanzija trasportata f'kontejners.

ANNESS E

L-Annessi A2, B1 u C7 tal-Appendiċi III tal-Konvenzjoni tal-20 ta’ Mejju 1987 dwar il-proċedura komuni ta' tranżitu huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness A2, taħt it-titolu ta’ dak l-Anness, qed jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“Dan l-Anness se jitħassar mid-data tal-aġġornament tal-NCTS imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6)”.

(2) Fl-Anness B1, taħt it-titolu ta’ dak l-Anness, qed jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“Dan l-Anness se jitħassar mid-data tal-aġġornament tal-NCTS imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6).”

(3) Fl-Anness C7, il-punt 1.2. huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1.2.1. qed jitħassar;

(b) in-numri “1.2.2.” qed jitħassru;

(c) il-kliem “uffiċċju wieħed tat-tluq” qed jinbidel b’“uffiċċju doganali speċifiku tat-tluq”.

ANNESS F

Qed jiżdied l-Appendiċi li ġej mal-Konvenzjoni tal-20 ta’ Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta’ tranżitu:

“APPENDIĊI IIIa

Dan l-Appendiċi se japplika mid-data tal-aġġornament tal-NCTS imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6)

DIKJARAZZJONIJIET TAT-TRANŻITU, DOKUMENTI TA' AKKUMPANJAMENT FIT-TRANŻITU U DOKUMENTI OĦRA

Artikolu 1

Dan l-Appendiċi jkopri d-dispożizzjonijiet, il-formoli u l-mudelli biex jitfasslu d-dikjarazzjonijiet u jitlestew id-dokumenti ta' akkumpanjament fit-tranżitu u dokumenti oħra użati fil-proċedura komuni ta’ tranżitu b’konformità mar-rekwiżiti tal-Appendiċijiet I u II.

TITOLU I

DIKJARAZZJONI TAT-TRANŻITU U FORMOLI META JINTUŻAW TEKNIKI ELETTRONIĊI GĦALL-IPPROĊESSAR TAD-DEJTA

Artikolu 2

Dikjarazzjoni tat-tranżitu

Dikjarazzjoni tat-tranżitu kif definita fl-Artikolu 25 tal-Appendiċi I għandu jkun fiha l-elementi tad-dejta speċifikati fl-Anness B6a u għandhom jikkonformaw mal-formati bl-użu tal-kodiċijiet li t-tnejn huma ddefiniti fl-Anness A1a.

Artikolu 3

Dokument ta’ akkumpanjament fit-tranżitu

Id-dokument ta’ akkumpanjament fit-tranżitu għandu jiġi pprovdut permezz tal-formola stabbilita fl-Anness A3a. Għandu jitħejja u jintuża skont in-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness A4a.

Artikolu 4

Lista ta' oġġetti

Il-lista ta’ oġġetti għandha tiġi pprovduta permezz tal-formola stabbilita fl-Anness A5a. Għandu jitħejja u jintuża skont in-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness A6a.

TITOLU II

FORMOLI UŻATI GĦAL:

– PROVA TAL-ISTATUS DOGNALI TAL-MERKANZIJA TAL-UNJONI,

– DIKJARAZZJONI TAT-TRANŻITU GĦALL-VJAĠĠATURI,

– PROĊEDURA TAL-KONTINWITÀ OPERATTIVA GĦAT-TRANŻITU

Artikolu 5

1. Formoli użati bħala dokumenti li jagħtu prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni bl-użu tal-formola stabbilita fl-Appendiċijiet 1 sa 4 tal-Anness I tal-Konvenzjoni SAD.

2. Formoli użati bħala dikjarazzjonijiet tat-tranżitu meta tiġi applikata l-proċedura tal-kontinwità operattiva għat-tranżitu jew bħala dikjarazzjonijiet tat-tranżitu għall-vjaġġaturi, għandhom jiġu provduti bl-użu tal-formola stabbilita fl-Appendiċi 1 tal-Anness I tal-Konvenzjoni SAD.

3. Għandu jintuża proċess ta' self-copying għad-dettalji meħtieġa:

(a) fil-każ tal-Appendiċijiet 1 u 3, fuq il-mudelli indikati fl-Appendiċi 1 tal-Anness II tal-Konvenzjoni SAD;

(b) fil-każ tal-Appendiċijiet 2 u 4, fuq il-mudelli indikati fl-Appendiċi 2 tal-Anness II tal-Konvenzjoni SAD.

4. Il-formoli għandhom jimtlew u jintużaw:

(a) bħala dokumenti ta' attestazzjoni tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, b'konformità man-nota ta' spjegazzjoni fl-Anness B2;

(b) bħala dikjarazzjonijiet ta' tranżitu għall-vjaġġatur jew għall-proċedura tal-kontinwità operattiva għat-tranżitu, b'konformità man-nota ta' spjegazzjoni fl-Anness B6.

F'dawn iż-żewġ każijiet, jenħtieġ li jintużaw, fejn xieraq, il-kodiċijiet tal-Annessi A1a u B3.

Artikolu 6

1. Il-formoli għandhom ikunu stampati b'konformità mal-Artikolu 2 tal-Anness II tal-Konvenzjoni SAD.

2. Kull Parti Kontraenti tista' tistampa l-indikazzjoni li tidentifikaha fir-rokna ta' fuq tax-xellug tal-formola. Tista' tistampa wkoll il-kliem "TRANŻITU KOMUNI" minflok il-kliem "TRANŻITU TAL-UNJONI". Id-dokumenti li jkollhom fuqhom din l-indikazzjoni jew dan il-kliem għandhom jiġu aċċettati meta jiġu ppreżentati f'Parti Kontraenti oħra.

TITOLU III

FORMOLI OĦRA MINBARRA D-DOKUMENT AMMINISTRATTIV UNIKU U D-DOKUMENT TA' AKKUMPANJAMENT FIT-TRANŻITU

Artikolu 7

Listi tat-tagħbija

1. Il-formoli li jintużaw biex jitħejjew il-listi tat-tagħbija għandhom jiġu pprovduti bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness B4. Għandhom jimtlew b'konformità man-nota ta' spjegazzjoni fl-Anness B5.

2. Il-formoli għandhom jiġu stampati fuq karta ħoxna mħejjija għall-finijiet ta' kitba, b'piż ta' mhux inqas minn 40 gramma kull metru kwadru, u b'reżistenza tali li, bl-użu normali ma titqattax jew ma titkemmixx faċilment. Il-kulur tal-karta jitħalla f'idejn il-partijiet ikkonċernati.

3. Id-daqs għandu jkun ta' 210 mm × 297 mm u t-tul permess ivarja bejn 5 mm inqas sa 8 mm aktar.

Artikolu 8

Avviż tat-tranżitu

Il-formoli li jintużaw għall-avviż tat-tranżitu fil-qafas tal-Artikolu 21 tal-Appendiċi I għandhom jiġu pprovduti bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness B8 ta' dan l-Appendiċi.

Artikolu 9

Riċevuta

L-irċevuti għandhom jiġu pprovduti bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness B10.

Artikolu 10

Garanzija individwali

1. Il-formola li tintuża għall-ċertifikati ta' garanzija individwali għandha tkun konformi mal-mudell fl-Anness C3.

2. Il-formoli għandhom ikunu stampati fuq karta mingħajr polpa mekkanika, mħejjija għall-kitba u li tiżen mill-inqas 55 gramma kull metru kwadru. Għandhom ikunu stampati fuq sfond immarkat bl-aħmar li jiżvela kull falsifikazzjoni permezz ta' mezzi mekkaniċi jew kimiċi. Il-kulur tal-karta għandu jkun abjad.

3. Id-daqs tal-formoli għandu jkun ta' 148 × 105 mm.

4. Il-formoli għandu jkollhom fuqhom l-isem u l-indirizz tal-istamperija jew marka li biha tista' tingħaraf l-identità tagħha, kif ukoll numru ta' identifikazzjoni maħsub biex jindividwalizzaha.

5. Il-lingwa li trid tintuża għaċ-ċertifikati ta' garanzija individwali għandha tiġi deċiża mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż fejn hu stabbilit l-uffiċċju ta' garanzija.

Artikolu 11

Ċertifikati ta' garanzija komprensiva jew ta' rinunzja mill-garanzija

1. Il-formoli li jintużaw għaċ-ċertifikati ta' garanzija komprensiva jew ta' rinunzja mill-garanzija, minn issa 'l quddiem "iċ-ċertifikati", għandhom jikkonformaw mal-mudelli fl-Anness C5 u fl-Anness C6. Għandhom jimtlew skont in-nota ta' spjegazzjoni fl-Anness C7.

2. Iċ-ċertifikati għandhom jiġu stampati fuq karta bajda, mingħajr polpa mekkanika, u li tiżen mhux anqas minn 100 gramma kull metru kwadru. Għandu jkollhom, fuq quddiem u fuq wara, sfond stampat li jikxef kwalunkwe falsifikazzjoni b'mezzi mekkaniċi jew kimiċi. Dan l-isfond għandu jkun:

– ta' kulur aħdar għaċ-ċertifikati ta' garanzija;

– ta' kulur ċelesti għal ċertifikati ta' rinunzja mill-garanzija.

3. Id-daqs tal-formoli għandu jkun ta' 210 × 148 mm.

4. Il-Partijiet Kontraenti għandhom ikunu responsabbli għall-istampar tal-formoli taċ-ċertifikat. Kull ċertifikat għandu jkollu numru tas-serje għall-fini tal-identifikazzjoni.

Artikolu 12

Dispożizzjonijiet komuni għat-Titolu III

1. Il-formoli jenħtieġ li jkunu kompletati bl-użu ta' typewriter jew b'mezz mekkanografiku ieħor jew proċess simili. Il-formoli msemmija fl-Artikoli 7 u 8 jistgħu jimtlew ukoll bl-idejn b'mod li jinqara faċilment u f'dan il-każ għandhom jimtlew bil-linka u b'ittri kbar.

2. Il-formoli għandhom jimtlew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti li tkun aċċetabbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għaċ-ċertifikati ta' garanzija individwali.

3. Meta jkun meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż ieħor fejn iridu jiġu ppreżentati l-formoli jistgħu jitolbu t-traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali, ta' dak il-pajjiż.

4. Il-lingwa li trid tintuża għaċ-ċertifikati ta' garanzija komprensiva u ta' rinunzja mill-garanzija, għandha tiġi deċiża mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż fejn hu stabbilit l-uffiċċju ta' garanzija.

5. Mhu permess l-ebda tħassir jew korrezzjoni. L-emendi għandhom isiru billi jiġu ingassati d-dettalji żbaljati u, fejn ikun xieraq, jiddaħħlu dawk meħtieġa. Kwalunkwe tibdil magħmul b'dan il-mod għandu jkollu l-inizjali tal-persuna li tkun għamlitu u jkun ikkonfermat espressament mill-awtoritajiet kompetenti.

6. Parti Kontraenti tista' tapplika miżuri speċjali għall-formoli msemmija f'dan it-Titolu bil-għan li żżid is-sigurtà tagħhom, bil-kundizzjoni li jinkiseb il-qbil minn qabel tal-Partijiet Kontraenti l-oħra u li dan ma jippreġudikax l-applikazzjoni korretta tal-Konvenzjoni".

ANNESS G

L-Annessi li ġejjin qed jiżdiedu mal-Appendiċi IIIa tal-Konvenzjoni tal-20 ta’ Mejju 1987 dwar proċedura komuni tat-tranżitu:

1) Anness A1a:

“ANNESS A1a

FORMATI U KODIĊIJIET TAR-REKWIŻITI KOMUNI TAD-DEJTA GĦAD-DIKJARAZZJONIJIET TA’ TRANŻITU

Dan l-Anness se japplika mid-data tal-aġġornament tal-NCTS imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), bl-eċċezzjoni tal-elementi tad-dejta marbuta mad-dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta’ tranżitu kif imsemmi fl-Artikolu 55(1)(h) tal-Appendiċi I, li se japplikaw mhux aktar tard mill-1 ta’ Mejju 2018.

Titolu I

ĠENERALI

1. Il-formati, il-kodiċijiet u, jekk applikabbli, l-istruttura tal-elementi ta’ dejta inklużi f’dan l-Anness huma applikabbli b’rabta mar-rekwiżiti tad-dejta għad-dikjarazzjonijiet ta’ tranżitu, speċifikati fl-Anness B6a.

2. Il-formati, il-kodiċijiet u, jekk applikabbli, l-istruttura tal-elementi ta’ dejta definiti f’dan l-Anness għandhom japplikaw għad-dikjarazzjonijiet ta’ tranżitu magħmula permezz ta’ teknika elettronika għall-ipproċessar tad-dejta kif ukoll għad-dikjarazzjonijiet ibbażati fuq dokumenti fiżiċi.

3. It-Titolu II jinkludi l-formati tal-elementi ta’ dejta.

4. Kull meta l-informazzjoni f’dikjarazzjoni ta’ tranżitu indirizzata fl-Anness B6a ta’ dan l-Appendiċi, tieħu l-forma ta’ kodiċijiet, għandha tiġi applikata l-lista ta’ kodiċijiet prevista fit-Titolu II.

5. It-terminu “tip/tul” fl-ispjegazzjoni ta' attribut jindika r-rekwiżiti għat-tip tad-dejta u għat-tul tad-dejta. Il-kodiċijiet għat-tipi tad-dejta huma kif ġej:

a alfabetiku

n numeriku

an alfanumeriku

In-numru ta' wara l-kodiċi jindika it-tul awtorizzat tad-dejta. Japplika dan li ġej.

Iż-żewġ punti fakultattivi qabel l-indikazzjoni tat-tul ifissru li d-dejta ma għandhiex tul fiss, imma tista' tinkludi numru ta' ċifri, kif speċifikat mill-indikazzjoni tat-tul. Virgola fit-tul tad-dejta tfisser li l-attribut jista' jkollu deċimali, iċ-ċifra qabel il-virgola tindika t-tul totali tal-attribut, iċ-ċifra wara l-virgola tindika n-numru massimu ta' ċifri wara l-punt deċimali.

Eżempji ta’ tulijiet u ta’ formati tat-taqsimiet:

a1 karattru alfabetiku wieħed, tul fiss

n2 żewġ karattri numeriċi, tul fiss

an3 tliet karattri alfanumeriċi, tul fiss

a..4 sa erba' karattri alfabetiċi

n..5 sa ħames karattri numeriċi

an..6 sa sitt karattri alfanumeriċi

n..7,2 sa seba' karattri numeriċi inkluż massimu ta' żewġ deċimali, b'limitatur li jitħalla jidher fil-wiċċ.

6. Il-kardinalità fil-livell tal-intestatura inkluża fit-tabella fit-Titolu II ta' dan l-Anness tindika kemm-il darba l-element tad-dejta jista' jintuża fil-livell tal-intestatura f'dikjarazzjoni ta' tranżitu.

7. Il-kardinalità fil-livell tal-oġġett inkluża fit-tabella fit-Titolu II ta' dan l-Anness tindika kemm-il darba l-element tad-dejta jista' jiġi ripetut b'rabta mal-oġġett tad-dikjarazzjoni kkonċernat.

8. Il-kodiċijiet nazzjonali jistgħu jintużaw mill-pajjiżi għall-elementi ta' dejta 1/11 Proċedura addizzjonali, 2/2 Informazzjoni addizzjonali u 2/3 Dokumenti prodotti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet, referenzi addizzjonali. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-lista ta' kodiċjiet nazzjonali użati għal dawn l-elementi ta' dejta. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista ta' dawk il-kodiċijiet.

TITOLU II

FORMATI U KARDINALITÀ TAR-REKWIŻITI KOMUNI TAD-DEJTA GĦAD-DIKJARAZZJONIJIET TA' TRANŻITU

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċijiet fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
1/2	Tip ta' Dikjarazzjoni Addizzjonali	a1	Iva	1x		
1/3	Dikjarazzjoni tat-tranżitu	an..5	Iva	1x	1x	
1/4	Formoli	n..4	Le	1x		
1/5	Listi tat-tagħbija	n..5	Le	1x		
1/6	Numru tal-oġġett tal-merkanzija	n...5	Le		1x	

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
1/8	Firma/awtenti kazzjoni	an..35	Le	1x		
1/9	Għadd totali ta' oġġetti	n..5	Le	1x		
2/1	Dikjarazzjoni ssimplifikata/ Dokumenti preċedenti	Tip ta' dokument preċedenti: an ..3 + Referenza tad-dokument preċedenti: an ..35+ Identifikatur tal-oġġett tal-merkanzija: n..5	Iva	9999x	99x	
2/2	Informazzjoni addizzjonali	Verżjoni fil-forma ta' kodiċi (Kodiċijiet tal-Unjoni): n1 + an4 JEW (kodiċijiet nazzjonali): a1 +an4 JEW Deskrizzjoni tat-test liberu: an..512	Iva		99x	Il-kodiċijiet huma speċifikati iktar fit-Titolu III
2/3	Dokumenti	Tip ta'	Iva	1x	99x	

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
	prodotti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet, referenzi addizzjonali	dokument (Kodiċijiet tal-Unjoni): a1+ an3 JEW (kodiċijiet nazzjonali): n1+an3+ Identifikatur tad-dokument: an..35				
3/1	Esportatur	Isem: an..70 + It-triq u n-numru: an..70 + Pajjiż: a2 + Il-kodiċi postali: an..9 + Belt: an..35	Le	1x	1x	Il-kodiċi tal-pajjiż: il-kodiċijiet alfabetiċi għall-pajjiżi u għat-territorji huma bbażati fuq il-kodiċijiet ISO alfa 2 attwali (a2) Fil-każ ta' kunsinni bi gruppaġġ, meta jintużaw dikjarazzjonijiet ibbażati fuq dokumenti fiżiċi, il-kodiċi "00200" jista' jintuża

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
						flimkien ma' lista ta' esportaturi b'konformità man-noti deskritti għall-E.D. 3/1 Esportatur fit-Titolu III tal-Anness B6a tal-Appendiċi III.
3/2	Numru ta' identifikazzjoni tal-esportatur	an..17	Le	2x	2x	Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea - in-numru EORI fl-Unjoni jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni. Għal pajjiżi ta' tranżitu komuni - in-numru EORI fl-Unjoni (sakemm dan ikun ingħata u jkun validu fil-mument tal-preżentazzjoni tad-

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
						dikjarazzjoni) kif ukoll in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni.
3/9	Destinatarju	Isem: an..70 + It-triq u n-numru: an..70 + Pajjiż: a2 + Il-kodiċi postali: an..9 + Belt: an..35	Le	1x	1x	Il-kodiċi tal-pajjiż kif definit għall-E.D. 3/1 Għandu jintuża l-esportatur. Fil-każ ta' kunsinni bi gruppaġġ, meta jintużaw dikjarazzjoni jiet ibbażati fuq dokumenti fiżiċi, il-kodiċi "00200" jista' jintuża flimkien ma' lista ta' destinatarji b'konformità man-noti deskritti għall-E.D. 3/9 Destinatarju fit-Titolu III tal-Anness

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
						B6a tal-Appendiċi III.
3/10	Numru ta' identifikazzjoni tad-destinatarju	an..17	Le	2x	2x	In-numru ta' identifikazzjoni kif iddefinit għall-E.D. 3/2 Għandu jintuża n-numru tal-identifikazzjoni tal-esportatur
3/19	Rappreżentant	Isem: an..70 + It-triq u n-numru: an..70 + Pajjiż: a2 + Il-kodiċi postali: an..9 + Belt: an..35	Le	1x		Il-kodiċi tal-pajjiż kif definit għall-E.D. 3/1 Għandu jintuża l-esportatur
3/20	Numru ta' identifikazzjoni tar-rappreżentant	an..17	Le	2x		In-numru ta' identifikazzjoni kif iddefinit għall-E.D. 3/2 Għandu jintuża n-numru tal-identifikazzjoni tal-esportatur

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
3/21	Kodiċi tal-istatus tar-rappreżentant	n1	Iva	1x		
3/22	Detentur tal-proċedura ta' tranżitu	Isem: an..70 + It-triq u n-numru: an..70 + Pajjiż: a2 + Il-kodiċi postali: an..9 + Belt: an..35	Le	1x		Il-kodiċi tal-pajjiż kif definit għall-E.D. 3/1 Għandu jintuża l-esportatur.
3/23	Numru ta' identifikazzjoni tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu	an..17	Le	2x		In-numru ta' identifikazzjoni kif iddefinit għall-E.D. 3/2 Għandu jintuża n-numru tal-identifikazzjoni tal-esportatur
3/37	In-numru tal-identifikazzjoni tal-attur(i) addizzjonali fil-katina tal-provvista	Kodiċi tar-rwol: a..3 + Identifikatur: an..17	Iva	99x	99x	Il-kodiċijiet tar-rwoli għall-atturi addizzjonali fil-katina tal-provvista huma ddefiniti fit-Titolu II. In-numru ta' identifikazzj

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
						oni kif iddefinit għall-E.D. 3/2 Għandu jintuża n-numru tal-identifikazzjoni tal-esportatur
5/4	Data tad-dikjarazzjoni	n8 (ssssxxjj)	Le	1x		
5/5	Post tad-dikjarazzjoni	an..35	Le	1x		
5/6	Uffiċċju ta' destinazzjoni (u l-pajjiż)	an8	Le	1x		L-istruttura tal-identifikatur tal-uffiċċju doganali hija ddefinita fit-Titolu III.
5/7	L-uffiċċji ta' tranżitu previsti (u l-pajjiż)	an8	Le	9x		L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura ddefinita għall-E.D. 5/6 Uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż).
5/8	Kodiċi tal-pajjiż tad-destinazzjoni	a2	Le	1x		Il-kodiċi tal-pajjiż kif definit għall-E.D. 3/1 Għandu

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
						jintuża l-esportatur
5/21	Post tat-tagħbija	Fil-forma ta' kodiċi: an..17 JEW Deskrizzjoni tat-test liberu: a2 (il-kodiċi tal-pajjiż) + an..35 (il-post)	Le	1x		Meta l-post tat-tagħbija jkun fil-forma ta' kodiċi skont il-LOCODE tan-NU, l-informazzjoni għandha tkun il-LOCODE tan-NU kif iddefinit fit-Titolu III għall-E.D. 5/6 Uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż). Meta l-post tat-tagħbija ma jkunx fil-forma ta' kodiċi skont il-LOCODE tan-NU, il-pajjiż fejn jinsab il-post tat-tagħbija huwa identifikat mill-kodiċi kif iddefinit għall-E.D. 3/1 Esportatur.
5/23	Il-post fejn jitqiegħdu l-	Pajjiż: a2 +	Iva	1x		L-istruttura tal-kodiċi

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
	oġġetti	Tip ta' post: a1 + Kwalifikatur tal-identifikazzjoni: a1 + Fil-forma ta' kodiċi Identifikazzjoni tal-post: an..35 + Identifikatur addizzjonali: n..3 JEW Deskrizzjoni tat-test liberu It-triq u n-numru: an..70 + Il-kodiċi postali: an..9 + Belt: an..35				hija ddefinita fit-Titolu III.
6/1	Massa netta (f'kg)	n..16,6	Le		1x	
6/5	Massa grossa (f'kg)	n..16,6	Le	1x	1x	
6/8	Deskrizzjoni tal-merkanzija	an..512	Le		1x	

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
6/9	Tip ta' pakketti		Le		99x	Il-lista tal-kodiċijiet tikkorrispondi għall-iktar verżjoni riċenti tar-Rakkomandazzjonijiet NU/KEE Nru 21
6/10	Għadd ta' pakketti	n..8	Le		99x	
6/11	Marki tat-trasport	an..512	Le		99x	
6/13	Kodiċi tas-CUS	an8	Le		1x	Il-kodiċi assenjat fi ħdan l-Inventarju Doganali Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi (ECICS)
6/14	Il-kodiċi tal-merkanzija - Il-kodiċi tan-nomenklatura magħquda	an..8	Le		1x	
6/18	Total ta' pakketti	n..8	Le	1x		
7/1	Trasbord	Post tat-trasbord: Pajjiż: a2 + Tip ta' post: a1 +	Le	1x		Il-kodiċi tal-pajjiż kif definit għall-E.D. 3/1 Għandu jintuża l-

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
		Kwalifikatur tal-identifikazzjoni: a1 + Fil-forma ta' kodiċi Identifikazzjoni tal-post: an..35 + Identifikatur addizzjonali: n..3 JEW Deskrizzjoni tat-test liberu It-triq u n-numru: an..70 + Il-kodiċi postali: an..9 + Belt: an..35 + Identità tal-mezzi ġdid tat-trasport Tip ta' identifikazzjoni: n2 + Numru ta' identifikaz				esportatur. Il-post tat-trasbord għandu jsegwi l-istruttura tal-E.D. 5/23 Il-post fejn jitqiegħdu l-oġġetti. L-identità tal-mezz tat-trasport għandha ssegwi l-istruttura tal-E.D. 7/7 Identità tal-mezz tat-trasport fit-tluq. In-nazzjonalità tal-mezzi tat-trasport għandha ssegwi l-istruttura tal-E.D. 7/8 Nazzjonalità tal-mezz tat-trasport fit-tluq. Għall-indikatur jekk il-merkanzija hijiex fil-kontejners, il-kodiċijiet previsti

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
		zjoni: an..35 + Nazzjonalità tal-mezz ġdid tat-trasport: a2 + Indikatur jekk il-kunsinna hijiex bil-kontejners jew le: n1				għall-E.D. 7/2 Għandu jintuża l-kontejner fit-Titolu III.
7/2	Kontejner	n1	Iva	1x		
7/4	Il-mezz tat-trasport fuq il-fruntiera	n1	Iva			
7/5	Mezz tat-trasport intern	n1	Le	1x	1x	Il-kodiċijiet previsti fit-Titolu III fir-rigward tal-E.D. 7/4 Għandu jintuża l-mezz ta' trasport fuq il-fruntiera.
7/7	Identità tal-mezz tat-trasport fit-tluq	Tip ta' identifikazzjoni: n2 + Numru ta' identifikazzjoni: an..35	Iva	1x	1x	
7/8	Nazzjonalità tal-mezz tat-	a2	Le	1x	1x	Il-kodiċi tal-pajjiż kif

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
	trasport fit-tluq					definit għall-E.D. 3/1 Għandu jintuża l-esportatur.
7/10	Numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner	an..17	Le	9999x	9999x	
7/14	Identità tal-mezz attiv tat-trasport li jaqsam il-fruntiera	Tip ta' identifikazzjoni: n2 + Numru ta' identifikazzjoni: an..35	Le	1x	1x	Il-kodiċijiet iddefiniti għall-E.D. 7/7 L-identità tal-mezz tat-trasport fit-tluq għandha tintuża għat-tip ta' identifikazzjoni.
7/15	In-nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera	a3	Le	1x	1x	Il-kodiċi tal-pajjiż kif definit għall-E.D. 3/1 Għandu jintuża l-esportatur.
7/18	Numru tas-siġill	In-numru ta' siġilli: n..4 + L-identifikatur tas-siġill: an..20	Le	1x 9999x	1x 9999x	
7/19	Inċidenti oħra waqt il-ġarr	an..512	Le	1x		

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċiji et fit-Titolu III (Iva/Le)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
8/2	Tip ta' garanzija	an1	Iva	9x		
8/3	Referenza tal-garanzija	NRG: an..24 + Kodiċi tal-aċċess: an..4 + Kodiċi tal-munita: a3 + Ammont tad-dejn: n..16,2 + Uffiċċju doganali tal-garanzija: an8	Le	99x		Il-kodiċijiet ISO alfa 3 tal-muniti (ISO 4217) għandhom jintużaw għall-munita. L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura ddefinita għall-E.D. 5/6 Uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż).
8/4	Garanzija mhux valida fi	a2	Le	99x		Il-kodiċi tal-pajjiż kif definit għall-E.D. 3/1 Għandu jintuża l-esportatur

Titolu III

KODIĊIJIET B'RABTA MAR-REKWIŻITI KOMUNI TAD-DEJTA GĦAL DIKJARAZZJONI TA' TRANŻITU

Dan it-Titolu fih il-kodiċijiet li jridu jintużaw fid-dikjarazzjonijiet ta’ tranżitu elettroniċi u bbażati fuq dokumenti fiżiċi standard.

1/2 Tip ta’ Dikjarazzjoni Addizzjonali

D għat-tressiq ta’ dikjarazzjoni ta’ tranżitu b’konformità mal-Artikolu 29a tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni.

1/3. Dikjarazzjoni ta’ Tranżitu

Il-kodiċijiet li jridu jintużaw fil-kuntest tat-tranżitu:

T Il-kunsinni mħallta li jinkludu kemm merkanzija li jkollha l-istatus doganali ta’ merkanzija tal-Unjoni u li ma jkollhiex l-istatus doganali ta’ merkanzija tal-Unjoni mqiegħda taħt il-proċedura komuni ta’ tranżitu.

T1 Il-merkanzija li ma jkollhiex l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, li hija mqiegħda taħt il-proċedura komuni ta’ tranżitu.

T2 Il-merkanzija li jkollha l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, li hija mqiegħda taħt il-proċedura komuni ta’ tranżitu.

T2F Il-merkanzija li jkollha l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, li tiċċirkola bejn parti mit-territorju doganali tal-Unjoni fejn ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE*jew tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE** u pajjiż ta' tranżitu komuni

C Il-merkanzija tal-Unjoni mhux imqiegħda taħt proċedura komuni ta’ tranżitu fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 55(1)(h) tal-Appendiċi I

TD Il-merkanzija li diġà tqiegħdet taħt proċedura komuni ta’ tranżitu fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 55(1)(h) tal-Appendiċi I

X Il-merkanzija tal-Unjoni li trid tiġi esportata, mhux imqiegħda taħt proċedura ta’ tranżitu fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 55(1)(h) tal-Appendiċi I.

2/1 Dikjarazzjoni ssimplifikata/Dokumenti preċedenti

Dan l-element ta' dejta jikkonsisti f’kodiċijiet alfanumeriċi.

Kull kodiċi għandu tliet komponenti. L-ewwel komponent (an..3), li jikkonsisti f’ġabra ta' ċifri u/jew ittri, jintuża sabiex jiġi identifikat it-tip ta' dokument. It-tieni komponent (an..35) jirrappreżenta d-dejta meħtieġa sabiex dak id-dokument jiġi rikonoxxut, jew in-numru tal-identifikazzjoni tiegħu jew inkella xi referenza rikonoxxibbli oħra. It-tielet komponent (an..5) jintuża sabiex jiġi identifikat liema oġġett tad-dokument preċedenti tkun qiegħda ssir referenza għalih.

Meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni doganali bbażata fuq dokumenti fiżiċi, it-tliet komponenti jiġu sseparati b'singijiet (-).”

1. L-ewwel komponent (an..3):

---

* Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU UE L 347, 11.12.2006, p. 1)

** Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU UE L9, 14.1.2009, p. 12)

Agħżel l-abbrevjazzjoni għad-dokument mil-"lista ta' abbrevjazzjonijiet tad-dokumenti" ta' hawn taħt.

Lista ta' abrevjazzjonijiet għad-dokumenti

(il-kodiċijiet numeriċi estratti mid-Direttorji tal-2014b tan-NU għall-iskambju elettroniku tad-dejta għall-amministrazzjoni, għall-kummerċ u għat-trasport: Il-lista tal-kodiċi għall-element ta' dejta 1001, l-isem tad-dokument/tal-messaġġ, fil-forma ta' kodiċi.)

Lista tal-kontejners	235
Nota tal-kunsinna	270
Lista tal-ippakkjar	271
Fattura *pro forma*	325
Dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja	337
Dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul	355
Fattura kummerċjali	380
Waybill mibgħuta minn konsenjatur	703
Polza tal-kargu prinċipali	704
Polza tal-kargu	705
Polza tal-kargu mibgħuta minn konsenjatur	714
Nota ta' kunsinna għat-trasport bil-ferrovija	720
Ittra tat-twassil għat-trasport bit-triq	730
Ittra għat-trasport bl-ajru	740
Ittra għat-trasport bl-ajru prinċipali	741
Nota tal-ispedizzjoni (pakketti postali)	750
Dokument tat-trasport multimodali/kkombinat (ġeneriku)	760
Manifest tat-tagħbija	785
Bordereau	787
Dikjarazzjoni tat-tranżitu – konsenji mħallta (T)	820
Dikjarazzjoni ta' tranżitu (T1)	821
Dikjarazzjoni ta' tranżitu (T2)	822
Dikjarazzjoni ta' tranżitu (T2F)	T2F

Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni T2L	825
Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni T2LF	T2G
Carnet TIR	952
Carnet ATA	955
Referenza/data tad-dħul fir-reġistri tad-dikjarant	CLE
Folja tal-informazzjoni INF3	IF3
Dikjarazzjoni ssimplifikata	SDE
Dikjarazzjoni MRN	MRN
Manifest tat-tagħbija - proċedura ssimplifikata	MNS
Oħrajn	ZZZ

2. It-tieni komponent (an..35):

In-numru tal-identifikazzjoni jew referenza rikonoxxibbli oħra tad-dokument, hija miktuba hawnhekk.

F'każ li l-MRN ikun jissejjaħ bħala d-dokument preċedenti, in-numru ta' referenza għandu jkollu l-istruttura li ġejja:

Taqsima	Kontenut		Format	Eżempji
1	L-aħħar żewġ ċifri tas-sena tal-aċċettazzjoni formali tad-dikjarazzjoni (AA)		n2	15
2	L-identifikatur tal-pajjiż fejn titressaq id-dikjarazzjoni ta' tranżitu (il-kodiċi alfa 2 tal-pajjiż)		a2	RO
3	L-identifikatur uniku għall-messaġġ għal kull sena u għal kull pajjiż		an12	9876AB889012
4	L-identifikatur tal-proċedura		a1	B
5	Ċifra tal-kontroll		an1	5

It-taqsimiet 1 u 2 kif spjegat hawn fuq.

It-taqsima 3 għandha timtela b'identifikatur għall-messaġġ ikkonċernat. Il-mod kif tintuża dik it-taqsima huwa r-responsabbiltà tal-pajjiżi, iżda kull messaġġ li jiġi ttrattat matul sena fi ħdan il-pajjiż partikolari, irid ikollu numru uniku b'rabta mal-proċedura kkonċernata.

Il-pajjiżi li jkunu jridu li n-numru ta' referenza tal-uffiċċju doganali kompetenti jiġi inkluż fl-MRN, jistgħu jużaw mhux iktar mill-ewwel sitt karattri biex jirrappreżentawh.

It-taqsima 4 għandha timtela b'identifikatur tal-proċedura ddefinita fit-tabella ta' hawn taħt.

It-taqsima 5 għandha timtela b'numru li huwa ċ-ċifra tal-kontroll għall-MRN kollu. Din it-taqsima tippermetti l-individwazzjoni ta' kwalunkwe żball meta jimtela l-MRN kollu.

Il-kodiċijiet li jridu jintużaw fit-taqsima 4 Identifikatur tal-proċedura:

Kodiċi	Proċedura
A	Esportazzjoni biss
B	Dikjarazzjoni fil-qosor tal-esportazzjoni u tal-ħruġ
C	Dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ biss
D	Notifika ta' riesportazzjoni
E	Id-dispaċċ tal-merkanzija b'rabta mat-territorji fiskali speċjali
J	Id-dikjarazzjoni ta' tranżitu biss
K	Id-dikjarazzjoni ta' tranżitu u d-dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ
L	Id-dikjarazzjoni ta' tranżitu u d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul
M	Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni
R	Id-dikjarazzjoni tal-importazzjoni biss
S	Id-dikjarazzjoni tal-importazzjoni u d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul
T	Id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul biss
U	Dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja
W	Id-dikjarazzjoni tal-ħażna temporanja u d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul

3. It-tielet komponent (an..5):

In-numru tal-oġġett tal-merkanzija kkonċernata kif mogħti fl-E.D. 1/6. In-numru tal-oġġett tal-merkanzija fuq id-dokument preċedenti.

Eżempju:

L-oġġett ikkonċernat tad-dikjarazzjoni kien il-ħames oġġett fuq id-dokument tat-tranżitu T1 (id-dokument preċedenti), liema oġġett ġie assenjat in-numru "238544" mill-uffiċċju tad-destinazzjoni. Għalhekk il-kodiċi se jkun "821-238544-5". ("821" għall-proċedura tat-

tranżitu, “238544” għan-numru tar-reġistrazzjoni tad-dokument (jew l-MRN għall-operazzjonijiet tal-NCTS) u “5” għan-numru tal-oġġett).

Meta, fil-każ tad-dikjarazzjonijiet tat-tranżitu bbażati fuq dokumenti fiżiċi, trid tiddaħħal iktar minn referenza waħda, u l-pajjiżi jistipulaw li għandha tintuża informazzjoni fil-forma ta’ kodiċi, il-kodiċi 00200 kif iddefinit fl-E.D. 2/2 Għandha tkun applikabbli informazzjoni addizzjonali.

2/2 Informazzjoni addizzjonali

Jintuża kodiċi ta' ħames ċifri għall-kodifikazzjoni tal-informazzjoni addizzjonali ta' natura doganali. Dan il-kodiċi jsegwi l-informazzjoni addizzjonali ħlief meta l-liġi tal-Partijiet Kontraenti tistipula li l-kodiċi jrid jintuża minflok it-test.

Il-kodiċijiet “00200” u “00300” jintużaw biss fil-każ ta’ dikjarazzjonijiet ta’ tranżitu bbażati fuq dokumenti fiżiċi, jekk applikabbli.

Il-kodiċijiet “20100”, “20200” u “20300” jintużaw fil-każ ta’ dikjarazzjonijiet ta’ tranżitu elettroniċi u bbażati fuq dokumenti fiżiċi, jekk applikabbli.

Bażi ġuridika	Suġġett	Informazzjoni addizzjonali	Kodiċi
L-Anness B6a, it-Titolu III	Diversi okkorrenzi ta’ dokumenti u ta’ partijiet	“Varji”	00200
L-Anness B6a, it-Titolu III	L-identità bejn id-dikjarant u l-konsenjatur	“Konsenjatur”	00300
L-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni	Esportazzjoni minn Parti Kontraenti waħda jew, soġġetta għal restrizzjoni, mill-Unjoni.		20 100
L-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni	Esportazzjoni minn Parti Kontraenti waħda jew mill-Unjoni soġġetta għal dazji.		20 200
L-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni	Esportazzjoni	“Esportazzjoni”	20 300

2/3. Dokumenti prodotti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet, referenzi addizzjonali

(a) Id-dokumenti, iċ-ċertifikati u l-awtorizzazzjonijiet tal-Partijiet Kontraenti jew internazzjonali, li jitħejjew bħala appoġġ għad-dikjarazzjoni ta’ tranżitu, u r-referenzi addizzjonali għandhom jiddaħħlu fil-forma ta’ kodiċi li huwa ddefinit fit-Titolu II, segwiti jew b’numru tal-identifikazzjoni jew inkella b’xi referenza rikonoxxibbli oħra. Il-lista tad-

dokumenti, taċ-ċertifikati u tal-awtorizzazzjonijiet, u tar-referenzi addizzjonali, u l-kodiċijiet rispettivi tagħhom, huma disponibbli fil-bażi ta' dejta tat-TARIC.

(b) Id-dokumenti, iċ-ċertifikati u l-awtorizzazzjonijiet nazzjonali li jitħejjew bħala sostenn għad-dikjarazzjoni ta' tranżitu, u r-referenzi addizzjonali għandhom jiddaħħlu fil-forma ta' kodiċi kif iddefinit fit-Titolu II, possibbilment segwit jew b'numru tal-identifikazzjoni jew inkella b'xi referenza rikonoxxibbli oħra. L-erba' karattri jirrappreżentaw il-kodiċijiet bbażati fuq in-nomenklatura tal-pajjiżi stess.

3/1 Esportatur

Fil-każ ta' kunsinni bi gruppaġġ, meta jintużaw dikjarazzjonijiet ta' tranżitu bbażati fuq dokumenti fiżiċi, u l-pajjiżi jipprevedu l-użu ta' informazzjoni fil-forma ta' kodiċi, il-kodiċi "00200" kif iddefinit fl-E.D. 2/2 Għandha tkun applikabbli informazzjoni addizzjonali.

3/2 Numru tal-identifikazzjoni tal-esportatur

Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – indika n-numru EORI fl-Unjoni jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni.

Għal pajjiżi ta' tranżitu komuni – indika t-tnejn li huma: in-numru EORI fl-Unjoni u n-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni. Jekk ma jkunx ingħata n-numru EORI, indika biss in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

3/9 Destinatarju

Fil-każ ta' kunsinni bi gruppaġġ, meta jintużaw dikjarazzjonijiet ta' tranżitu bbażati fuq dokumenti fiżiċi, u l-pajjiżi jipprevedu l-użu ta' informazzjoni fil-forma ta' kodiċi, il-kodiċi "00200" kif iddefinit fl-E.D. 2/2 Għandha tkun applikabbli informazzjoni addizzjonali.

3/10 Numru tal-identifikazzjoni tad-destinatarju

Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – indika n-numru EORI fl-Unjoni jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni.

Għal pajjiżi ta' tranżitu komuni – indika t-tnejn li huma: in-numru EORI fl-Unjoni u n-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni. Jekk ma jkunx ingħata n-numru EORI, indika biss in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

3/20 Numru ta' identifikazzjoni tar-rappreżentant

Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – indika n-numru EORI fl-Unjoni jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni.

Għal pajjiżi ta' tranżitu komuni – indika t-tnejn li huma: in-numru EORI fl-Unjoni u n-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni. Jekk ma jkunx ingħata n-numru EORI, indika biss in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

3/21 Kodiċi tal-istatus tar-rappreżentant

Daħħal wieħed mill-kodiċijiet (n1) li ġejjin qabel l-isem u l-indirizz sħaħ sabiex jintgħażel l-istatus tar-rappreżentant:

2 Rappreżentant - rappreżentazzjoni diretta (ir-rappreżentant doganali jaġixxi f'isem u għan-nom ta' persuna oħra)

3 Rappreżentant - rappreżentazzjoni diretta (ir-rappreżentant doganali jaġixxi f'ismu stess, iżda għan-nom ta' persuna oħra)

Meta dan l-element tad-dejta jkun stampat fuq dokument fiżiku, dan għandu jkun f'parentesi kwadri (Eżempju: [2] jew [3]).

3/22 Detentur tal-proċedura ta' tranżitu

Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – indika n-numru EORI fl-Unjoni jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni.

Għal pajjiżi ta' tranżitu komuni – indika t-tnejn li huma: in-numru EORI fl-Unjoni u n-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni. Jekk ma jkunx ingħata n-numru EORI, indika biss in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

3/37 Numru ta' identifikazzjoni tal-attur(i) addizzjonali fil-katina tal-provvista

Dan l-element ta' dejta fih żewġ komponenti:

1. Kodiċi tar-rwol

Il-partijiet li ġejjin jistgħu jiġu ddikjarati:

Kodiċi tar-rwol	Parti	Deskrizzjoni
CS	Konsolidatur	Il-kuntrattur tat-trasportaturi tal-merkanzija li jiġbor il-kunsinni żgħar f'lott wieħed ta' kunsinna akbar (fi proċess ta' konsolidazzjoni) li tintbagħat lil kontroparti li jagħmel l-istess attività tal-konsolidatur iżda bil-kontra, billi jerġa' jaqsam il-kunsinna konsolidata fil-komponenti oriġinali tagħha
MF	Manifattur	Il-parti li timmanifattura l-merkanzija
FW	Il-kuntrattur tat-trasportaturi	Il-parti li twettaq it-trasport tal-merkanzija
WH	Magazzinier	Il-parti li tieħu r-responsabbiltà għall-merkanzija li tiddaħħal f'maħżen

2. Nru ta' identifikazzjoni tal-parti

L-istruttura ta' dak in-numru tikkorrispondi għall-istruttura kif speċifikata għall-E.D. 3/2 Nru ta' identifikazzjoni tal-esportatur

5/6 Uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż)

Uża l-kodiċijiet (an8) strutturati kif ġej:

- l-ewwel żewġ karattri (a2) jidentifikaw il-pajjiż permezz tal-kodiċi tal-pajjiż li ġie speċifikat għan-numru tal-identifikazzjoni tal-esportatur,

- is-sitt karattri segwenti (an6) huma għall-uffiċċju kkonċernat f'dak il-pajjiż. Huwa suġġerit li tiġi adottata l-istruttura li ġejja:

L-ewwel tliet karattri (an3) jkunu meħuda mill-kodiċi LOCODE tan-NU[4] ta' isem il-post u l-aħħar tliet karattri jkunu meħuda minn subdiviżjoni alfanumerika nazzjonali (an3). Jekk din is-subdiviżjoni ma tintużax, għandhom jiddaħħlu l-karattri "000".

[4] Ir-Rakkomandazzjoni 16 dwar IL-LOCODE TAN-NU – Il-KODIĊI GĦALL-PORTIJIET U GĦAL POSTIJIET OĦRA

Eżempju: BEBRU000: BE = ISO 3166 għall-Belġju, BRU = il-LOCODE tan-NU ta' isem il-post għall-belt ta' Brussell, "000" għas-subdiviżjoni li ma ntużatx.

5/23 Il-post fejn jitqiegħdu l-oġġetti

Uża l-kodiċijiet ISO alfa 2 tal-pajjiżi li ntużaw fit-taqsima 1 tal-E.D. 3/1 Esportatur.

Għat-tip ta' post, uża l-kodiċijiet speċifikati hawn taħt:

A Il-post magħżul

B Il-post awtorizzat

C Il-post approvat

D Oħrajn

Għall-identifikazzjoni tal-post uża wieħed mill-identifikaturi ta' hawn taħt:

Kwalifikatur	Identifikatur	Deskrizzjoni
U	LOCODE tan-NU	Uża l-kodiċijiet definiti fil-Lista tal-Kodiċijiet LOCODE tan-NU skont il-Pajjiż
V	Identifikatur tal-uffiċċju doganali	Uża l-kodiċijiet speċifikati fl-E.D. 5/6 Uffiċċju tad-destinazzjoni u l-pajjiż
W	Koordinati tal-GPS	Il-gradi deċimali b'numri negattivi għan-Nofsinhar u għall-Punent. Eżempji: 44.424896°/8.774792° jew 50.838068°/ 4.381508°
X	In-numru EORI fl-Unjoni jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni jew in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiżi ta' tranżitu komuni	Uża n-numru tal-identifikazzjoni kif speċifikat fid-deskrizzjoni tal-E.D. 3/2 Numru tal-identifikazzjoni tal-esportatur. F'każ li l-operatur ekonomiku jkollu iżjed minn stabbiliment wieħed, in-numru għandu jimtela b'identifikatur li jkun uniku għall-post ikkonċernat
Y	Numru tal-awtorizzazzjoni	Daħħal in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-post ikkonċernat, jiġifieri l-awtorizzazzjoni għall-istatus tal-konsenjatur awtorizzat. F'każ li l-awtorizzazzjoni tikkonċerna iżjed minn stabbiliment wieħed, in-numru tal-awtorizzazzjoni għandu jimtela b'identifikatur li jkun uniku għall-post ikkonċernat.

F'każ li jintuża l-kodiċi "X" jew "Y" għall-identifikazzjoni tal-post, u jkun hemm diversi postijiet assoċjati man-numru EORI jew man-numru tal-awtorizzazzjoni kkonċernat, jista'

jintuża identifikatur addizzjonali sabiex jippermetti l-identifikazzjoni tal-post mingħajr ambigwità.

7/2 Kontejner

0 Merkanzija mhux trasportata f'kontejners

1 Merkanzija trasportata f'kontejners.

7/4 Il-mezz tat-trasport fuq il-fruntiera

Il-kodiċijiet applikabbli jingħataw hawn taħt:

Kodiċi	Deskrizzjoni
2	Trasport ferrovjarju
3	Trasport bit-triq
4	Trasport bl-ajru
5	Il-posta (il-mod attiv tat-trasport mhuwiex magħruf)
7	Stallazzjonijiet fissi tat-trasport
8	Bastiment tan-navigazzjoni interna
9	Mezz mhux magħruf (jiġifieri, propulsjoni proprja)

7/7 Identità tal-mezz tat-trasport fit-tluq

Identità tal-mezz tat-trasport fit-tluq

Kodiċi	Deskrizzjoni
20	Numru tal-vagun
30	Numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura tat-triq
40	Numru tat-titjira tal-IATA
41	Numru tar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru
81	L-isem tal-bastiment tan-navigazzjoni interna

8/2 Tip ta' garanzija

Kodiċijiet tal-garanzija

Il-kodiċijiet applikabbli jingħataw hawn taħt:

Deskrizzjoni	Kodiċi
Għal rinunzja mill-garanzija (l-Artikolu 75(2)(c) tal-Appendiċi I	0
Għal garanzija komprensiva (l-Artikolu 75(1) u (2)(a) u (b) tal-Appendiċi I	1
Għal garanzija individwali fil-forma ta' impenn minn garanti (l-Artikolu 20 tal-Appendiċi I)	2
Għal garanzija individwali fi flus kontanti (l-Artikolu 19 tal-Appendiċi I)	3
Għal garanzija individwali fil-forma ta' kupuni (l-Artikolu 21 tal-Appendiċi I)	4
Għal rinunzja mill-garanzija għall-vjaġġ bejn l-uffiċċju doganali tat-tluq u l-uffiċċju doganali tat-tranżitu (l-Artikolu 10(2)(b) tal-Konvenzjoni)	7
Għal garanzija individwali tat-tip li jissemma fil-punt 3 tal-Anness I tal-Appendiċi I.	9
Għal garanzija mhux meħtieġa għal merkanzija li tinġarr minn stallazzjonijiet fissi tat-trasport (l-Artikolu 13(1)(c) tal-Appendiċi I)	C
Għal rinunzja mill-garanzija abbażi ta' ftehim (l-Artikolu 10(2)(a) tal-Konvenzjoni)	A
Għal garanzija mhux meħtieġa għal merkanzija li titqiegħed taħt il-proċedura komuni ta' tranżitu b'konformità mal-Artikolu 13(1)(a) tal-Appendiċi I)	8

Titolu IV

Ir-referenzi lingwistiċi u l-kodiċijiet tagħhom

Referenza lingwistika	Kodiċijiet
BG Ограничена валидност CS Omezená platnost DA Begrænset gyldighed DE Beschränkte Geltung EE Piiratud kehtivus EL Περιορισμένη ισχύς ES Validez limitada FR Validité limitée	Validità limitata — 99200

Referenza lingwistika		Kodiċijiet
HR	Valjanost ograničena	
IT	Validità limitata	
LV	Ierobežots derīgums	
LT	Galiojimas apribotas	
HU	Korlátozott érvényű	
MK*	Ограничено важење	
MT	Validità limitata	
NL	Beperkte geldigheid	
PL	Ograniczona ważność	
PT	Validade limitada	
RO	Validitate limitată	
RS	Ограничена важност	
SL	Omejena veljavnost	
SK	Obmedzená platnosť	
FI	Voimassa rajoitetusti	
SV	Begränsad giltighet	
EN	Limited validity	
IS	Takmarkað gildissvið	
NO	Begrenset gyldighet	
TR	Sınırlı Geçerli	
BG	Освободено	Eżenzjoni – 99201
CS	Osvobození	
DA	Fritaget	
DE	Befreiung	
EE	Loobutud	
EL	Απαλλαγή	
ES	Dispensa	
FR	Dispense	
HR	Oslobođeno	
IT	Dispensa	
LV	Derīgs bez zīmoga	
LT	Leista neplombuoti	
HU	Mentesség	
MK*	Изземање	

Referenza lingwistika		Kodiċijiet
MT	Eżenzjoni	
NL	Vrijstelling	
PL	Zwolnienie	
PT	Dispensa	
RO	Dispensă	
RS	Ослобођење	
SL	Opustitev	
SK	Upustenie	
FI	Vapautettu	
SV	Befrielse	
EN	Waiver	
IS	Undanþegið	
NO	Fritak	
TR	Vazgeçme	
BG	Алтернативно доказателство	Prova alternattiva – 99202
CS	Alternativní důkaz	
DA	Alternativt bevis	
DE	Alternativnachweis	
EE	Alternatiivsed tõendid	
EL	Εναλλακτική απόδειξη	
ES	Prueba alternativa	
FR	Preuve alternative	
HR	Alternativni dokaz	
IT	Prova alternativa	
LV	Alternatīvs pierādījums	
LT	Alternatyvusis įrodymas	
HU	Alternatív igazolás	
MK*	Алтернативен доказ	
MT	Prova alternattiva	
NL	Alternatief bewijs	
PL	Alternatywny dowód	
PT	Prova alternativa	
RO	Probă alternativă	
RS	Алтернативни доказ	

Referenza lingwistika	Kodiċijiet
SL Alternativno dokazilo SK Alternatívny dôkaz FI Vaihtoehtoinen todiste SV Alternativt bevis EN Alternative proof IS Önnur sönnun NO Alternativt bevis TR Alternatif Kanıt	
BG Различия: митническо учреждение, където стоките са представени (наименование и страна CS Nesrovnalosti: úřad, kterému bylo zboží předloženo …… (název a země) DA Forskelle: det sted, hvor varerne blev frembudt …… (navn og land) DE Unstimmigkeiten: Stelle, bei der die Gestellung erfolgte …… (Name und Land) EE Erinevused: asutus, kuhu kaup esitati…….(nimi ja riik) EL Διαφορές: εμπορεύματα προσκομισθέντα στο τελωνείο …… (Όνομα και χώρα) ES Diferencias: mercancías presentadas en la oficina …… (nombre y país) FR Différences: marchandises présentées au bureau …… (nom et pays) HR Razlike:Carinarnica kojoj je roba podnesena ..... (naziv i zemlja) IT Differenze: ufficio al quale sono state presentate le merci …… (nome e paese) LV Atšķirības: muitas iestāde, kurā preces tika uzrādītas (nosaukums un valsts) LT Skirtumai: įstaiga, kuriai pateiktos prekės (pavadinimas ir valstybė) HU Eltérések: hivatal, ahol az áruk bemutatása megtörtént …… (név és ország) MK* Разлики: Испостава каде стоките се ставени на увид …… (назив и земја) MT Differenzi: uffiċċju fejn l-oġġetti	Differenzi: uffiċċju fejn l-oġġetti kienu ppreżentati …… (isem u pajjiż) – 99203

Referenza lingwistika	Kodiċijiet
kienu ppreżentati (isem u pajjiż) NL Verschillen: kantoor waar de goederen zijn aangebracht …… (naam en land) PL Niezgodności: urząd, w którym przedstawiono towar …… (nazwa i kraj) PT Diferenças: mercadorias apresentadas na estância …… (nome e país) RO Diferenţe: mărfuri prezentate la biroul vamal …..(nume şi ţara) RS Разлике: царински орган којем је предата роба …… (назив и земља) SL Razlike: urad, pri katerem je bilo blago predloženo … (naziv in država) SK Rozdiely: úrad, ktorému bol tovar predložený …… (názov a krajina) FI Muutos: toimipaikka, jossa tavarat esitetty …… (nimi ja maa) SV Avvikelse: tullkontor där varorna anmäldes …… (namn och land) EN Differences: office where goods were presented …… (name and country) IS Breying: tollstjóraskrifstofa þar sem vörum var framvísað …… (nafn og land) NO Forskjell: det tollsted hvor varene ble fremlagt …… (navn og land) TR Değişiklikler: Eşyanın sunulduğu idare…....(adı ve ülkesi).	
BG Излизането от ..... подлежи на ограничения или такси съгласно Регламент/Директива/Решение № …, CS Výstup ze …… podléhá omezením nebo dávkám podle nařízení/směrnice/rozhodnutí č. … DA Udpassage fra …….. undergivet restriktioner eller afgifter i henhold til forordning/direktiv/afgørelse nr. ... DE Ausgang aus …….. — gemäß Verordnung/Richtlinie/Beschluss Nr. ...	Ħruġ mill-..... suġġett għal restrizzjonijiet jew ħlasijiet skont ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni Nru ... – 99204

Referenza lingwistika	Kodiċijiet
Beschränkungen oder Abgaben unterworfen. EE Väljumine ..... on aluseks piirangutele ja/või maksudele vastavalt määrusele/direktiivile/otsusele nr ... EL Η έξοδος από ……. υποβάλλεται σε περιορισμούς ή σε επιβαρύνσεις από τον κανονισμό/την οδηγία/την απόφαση αριθ. … ES Salida de…….. sometida a restricciones o imposiciones en virtud del (de la) Reglamento/Directiva/Decisión no ... FR Sortie de …….. soumise à des restrictions ou à des impositions par le règlement ou la directive/décision n° ... HR Izlaz iz ..... podliježe ograničenjima ili pristojbama temeljem Uredbe/Direktive/Odluke br … IT Uscita dal …… soggetta a restrizioni o ad imposizioni a norma del(la) regolamento/direttiva/decisione n. ... LV Izvešana no ……., piemērojot ierobežojumus vai maksājumus saskaņā ar Regulu/Direktīvu/Lēmumu Nr. …, LT Išvežimui iš ..... taikomi apribojimai arba mokesčiai, nustatyti Reglamentu/Direktyva/Sprendimu Nr.…, HU A kilépés ……. területéről a ... rendelet/irányelv/határozat szerinti korlátozás vagy teher megfizetésének kötelezettsége alá esik MK* Излез од ……предмет на ограничувања или давачки согласно Уредба/Директива/Решение № ……. MT Ħruġ mill-..... suġġett għal restrizzjonijiet jew ħlasijiet skont ir-Regolament/id-Direttiva/id-Deċiżjoni Nru... NL Bij uitgang uit de …… zijn de beperkingen of heffingen van Verordening/Richtlijn/Besluit nr. ... van toepassing. PL Wyprowadzenie z ……. podlega ograniczeniom lub opłatom zgodnie z rozporządzeniem/dyrektywą/decyzją nr …	

Referenza lingwistika	Kodiċijiet
PT Saída da …….. sujeita a restrições ou a imposições pelo(a) Regulamento/Directiva/Decisão n.º ... RO Ieşire din..... supusă restricţiilor sau impunerilor în temeiul Regulamentului/Directivei/Deciziei nr … RS Излаз из …… подлеже ограничењима или дажбинама на основу Уредбе/Директиве/Одлуке бр... SL Iznos iz … zavezan omejitvam ali obveznim dajatvam na podlagi Uredbe/Direktive/Odločbe št. … SK Výstup z ..... podlieha obmedzeniam alebo platbám podľa nariadenia/smernice/rozhodnutia č. …. FI …….. vientiin sovelletaan asetuksen/direktiivin/päätöksen N:o ... mukaisia rajoituksia tai maksuja SV Utförsel från …… underkastad restriktioner eller avgifter i enlighet med förordning/direktiv/beslut nr ... EN Exit from …… subject to restrictions or charges under Regulation/Directive/Decision No ... IS Útflutningur frá ……háð takmörkunum eða gjöldum samkvæmt reglugerð/fyrirmælum/ákvörðun nr. ……. NO Utførsel fra ……. underlagt restriksjoner eller avgifter i henhold til forordning/direktiv/vedtak nr. …. TR Eşyanın ……'dan çıkışı ….. No.lu Tüzük / Direktif / Karar kapsamında kısıtlamalara veya mali yükümlülüklere tabidir	
BG Одобрен изпращач CS Schválený odesílatel DA Godkendt afsender DE Zugelassener Versender EE Volitatud kaubasaatja EL Εγκεκριμένος αποστολέας ES Expedidor autorizado	Konsenjatur awtorizzat – 99206

Referenza lingwistika	Kodiċijiet
FR Expéditeur agréé HR Ovlašteni pošiljatelj IT Speditore autorizzato LV Atzītais nosūtītājs LT Įgaliotas siuntėjas HU Engedélyezett feladó MK* Овластен испраќач MT Konsenjatur awtorizzat NL Toegelaten afzender PL Upoważniony nadawca PT Expedidor autorizado RO Expeditor agreat RS Овлашћени пошиљалац SL Pooblaščeni pošiljatelj SK Schválený odosielateľ FI Valtuutettu lähettäjä SV Godkänd avsändare EN Authorised consignor IS Viðurkenndur sendandi NO Autorisert avsender TR İzinli Gönderici.	
BG Освободен от подпис CS Podpis se nevyžaduje DA Fritaget for underskrift DE Freistellung von der Unterschriftsleistung EE Allkirjanõudest loobutud EL Δεν απαιτείται υπογραφή ES Dispensa de firma FR Dispense de signature HR Oslobođeno potpisa IT Dispensa dalla firma LV Derīgs bez paraksta LT Leista nepasirašyti	Eżenzjoni mill-firma – 99207

Referenza lingwistika	Kodiċijiet
HU Aláírás alól mentesítve MK* Изземање од потпис MT Eżenzjoni mill-firma NL Van ondertekening vrijgesteld PL Zwolniony ze składania podpisu PT Dispensada a assinatura RO Dispensă de semnătură RS Ослобођено од потписа SL Opustitev podpisa SK Upustenie od podpisu FI Vapautettu allekirjoituksesta SV Befrielse från underskrift EN Signature waived IS Undanþegið undirskrift NO Fritatt for underskrift TR İmzadan Vazgeçme	
BG ЗАБРАНЕНО ОБЩО ОБЕЗПЕЧЕНИЕ CS ZÁKAZ SOUBORNÉ JISTOTY DA FORBUD MOD SAMLET KAUTION DE GESAMTBÜRGSCHAFT UNTERSAGT EE ÜLDTAGATISE KASUTAMINE KEELATUD EL ΑΠΑΓΟΡΕΥΕΤΑΙ Η ΣΥΝΟΛΙΚΗ ΕΓΓΥΗΣΗ ES GARANTÍA GLOBAL PROHIBIDA FR GARANTIE GLOBALE INTERDITE HR ZABRANJENO ZAJEDNIČKO JAMSTVO IT GARANZIA GLOBALE VIETATA LV VISPĀRĒJS GALVOJUMS AIZLIEGTS LT NAUDOTI BENDRĄJĄ	GARANZIJA KOMPRENSIVA PROJBITA – 99208

Referenza lingwistika	Kodiċijiet
GARANTIJĄ UŽDRAUSTA HU ÖSSZKEZESSÉG TILALMA MK* ЗАБРАНА ЗА УПОТРЕБА НА ОПШТА ГАРАНЦИЈА MT GARANZIJA KOMPRENSIVA PROJBITA NL DOORLOPENDE ZEKERHEID VERBODEN PL ZAKAZ KORZYSTANIA Z GWARANCJI GENERALNEJ PT GARANTIA GLOBAL PROIBIDA RO GARANŢIA GLOBALĂ INTERZISĂ RS ЗАБРАЊЕНО ЗАЈЕДНИЧКО ОБЕЗБЕЂЕЊЕ SL PREPOVEDANO SPLOŠNO ZAVAROVANJE SK ZÁKAZ CELKOVEJ ZÁRUKY FI YLEISVAKUUDEN KÄYTTÖ KIELLETTY SV SAMLAD SÄKERHET FÖRBJUDEN EN COMPREHENSIVE GUARANTEE PROHIBITED IS ALLSHERJARTRYGGING BÖNNUÐ NO FORBUD MOT BRUK AV UNIVERSALGARANTI TR KAPSAMLI TEMİNAT YASAKLANMIŞTIR.	
BG ИЗПОЛЗВАНЕ БЕЗ ОГРАНИЧЕНИЯ CS NEOMEZENÉ POUŽITÍ DA UBEGRÆNSET ANVENDELSE DE UNBESCHRÄNKTE VERWENDUNG EE PIIRAMATU KASUTAMINE EL ΑΠΕΡΙΟΡΙΣΤΗ ΧΡΗΣΗ	UŻU MHUX LIMITAT – 99209

Referenza lingwistika	Kodiċijiet
ES UTILIZACIÓN NO LIMITADA FR UTILISATION NON LIMITÉE HR NEOGRANIČENA UPORABA IT UTILIZZAZIONE NON LIMITATA LV NEIEROBEŽOTS IZMANTOJUMS LT NEAPRIBOTAS NAUDOJIMAS HU KORLÁTOZÁS ALÁ NEM ESŐ HASZNÁLAT MK* УПОТРЕБА БЕЗ ОГРАНИЧУВАЊЕ MT UŻU MHUX LIMITAT NL GEBRUIK ONBEPERKT PL NIEOGRANICZONE KORZYSTANIE PT UTILIZAÇÃO ILIMITADA RO UTILIZARE NELIMITATĂ RS НЕОГРАНИЧЕНА УПОТРЕБА SL NEOMEJENA UPORABA SK NEOBMEDZENÉ POUŽITIE FI KÄYTTÖÄ EI RAJOITETTU SV OBEGRÄNSAD ANVÄNDNING EN UNRESTRICTED USE IS ÓTAKMÖRKUÐ NOTKUN NO UBEGRENSET BRUK TR KISITLANMAMIŞ KULLANIM	
BG Издаден впоследствие CS Vystaveno dodatečně DA Udstedt efterfølgende DE Nachträglich ausgestellt EE Välja antud tagasiulatuvalt EL Εκδοθέν εκ των υστέρων ES Expedido a posteriori FR Délivré a posteriori HR Izdano naknadno IT Rilasciato a posteriori	Maħruġ *a posteriori* – 99210

Referenza lingwistika		Kodiċijiet
LV	Izsniegts retrospektīvi	
LT	Retrospektyvusis išdavimas	
HU	Kiadva visszamenőleges hatállyal	
MK*	Дополнително издадено	
MT	Maħruġ *a posteriori*	
NL	Achteraf afgegeven	
PL	Wystawione retrospektywnie	
PT	Emitido a posteriori	
RO	Eliberat ulterior	
RS	Накнадно издато	
SL	Izdano naknadno	
SK	Vyhotovené dodatočne	
FI	Annettu jälkikäteen	
SV	Utfärdat i efterhand	
EN	Issued retroactively	
IS	Útgefið eftir á	
NO	Utstedt i etterhånd	
TR	Sonradan Düzenlenmiştir	
BG	Разни	Varji – 99211
CS	Různí	
DA	Diverse	
DE	Verschiedene	
EE	Erinevad	
EL	Διάφορα	
ES	Varios	
FR	Divers	
HR	Razni	
IT	Vari	
LV	Dažādi	
LT	Įvairūs	
HU	Többféle	
MK*	Различни	
MT	Varji	
NL	Diversen	

Referenza lingwistika		Kodiċijiet
PL	Różne	
PT	Diversos	
RO	Diverse	
RS	Разно	
SL	Razno	
SK	Rôzne	
FI	Useita	
SV	Flera	
EN	Various	
IS	Ýmis	
NO	Diverse	
TR	Çeşitli	
BG	Насипно	Bulk – 99212
CS	Volně loženo	
DA	Bulk	
DE	Unverpackte Waren	
EE	Mahtkaup	
EL	Χύμα	
ES	A granel	
FR	Vrac	
HR	Rasuto	
IT	Alla rinfusa	
LV	Berams	
LT	Nesupakuota	
HU	Ömlesztett	
MK*	Ресус	
MT	Bulk	
NL	Los gestort	
PL	Luzem	
PT	A granel	
RO	Vrac	
RS	Расуто	
SL	Razsuto	
SK	Voľne ložené	

Referenza lingwistika		Kodiċijiet
FI	Irtotavaraa	
SV	Bulk	
EN	Bulk	
IS	Vara í lausu	
NO	Bulk	
TR	Dökme	
BG	Изпращач	Konsenjatur – 99213
CS	Odesílatel	
DA	Afsender	
DE	Versender	
EE	Saatja	
EL	Αποστολέας	
ES	Expedidor	
FR	Expéditeur	
HR	Pošiljatelj	
IT	Speditore	
LV	Nosūtītājs	
LT	Siuntėjas	
HU	Feladó	
MK*	Испраќач	
MT	Konsenjatur	
NL	Afzender	
PL	Nadawca	
PT	Expedidor	
RO	Expeditor	
RS	Пошиљалац	
SL	Pošiljatelj	
SK	Odosielateľ	
FI	Lähettäjä	
SV	Avsändare	
EN	Consignor	
IS	Sendandi	
NO	Avsender	
TR	Gönderici	

*Kodiċi provviżorju li ma jaffettwax id-denominazzjoni definittiva tal-pajjiż li trid tiġi attribwita wara l-konklużjoni tan-negozjati li attwalment qegħdin isiru fin-Nazzjonijiet Uniti.”

2) Anness A3a:

“ANNESS A3a

DOKUMENT TA’AKKUMPANJAMENT FIT-TRANŻITU

Dan l-Anness se japplika mid-data tal-aġġornament tal-NCTS imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6).”

Mudell tad-Dokument ta’ Akkumpanjament fit-Tranżitu

L-UNJONI EWROPEA

DOKUMENT TA' AKKUMPANJAMENT FIT-TRANŻITU

Tip ta' dik (1/3) **MRN**

Esportatur (3/1-3/2) Nru

Formoli (1/4)

001

Oġġetti (1/9) | Total ta' pakketti (6/18) | Massa grossa (kg) (6/5)

Destinatarju (3/9-3/10) Nru

Numru ta' referenza/UCR (2/4)

Il-kopja li tintbagħat lura trid tintbagħat lill-uffiċċju:

Dikjarant/rappreżentant (3/18-3/19-3/20-3/21 Nru

Inċidenti ħra waqt il-ġarr
Dettalji umiżuri meħuda (7/19)

ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI (G)

Identità u nazzjonalità tal-mezz tat-trasport fit-tluq (7/7-7/8)

Identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li jaqsam il-fruntiera (7/14-7/15)

Mezz tat-trasport fil-fruntiera (7/4) | Post tat-tagħbija (5/21)

Kod tal-paj. de | Il-post fejn jitqiegħed ul-oġġetti (5/23)

Nru tal-Id. tal-atturi addizzjonali fil-katina tal-provvista (3/37)

Dikjarazzjoni simplifikata/Dokumenti preċedenti (2/1)

Numri tal-kontejners (7/10)

Trasbordi (7/1)	Il-post ul-pajjiż	Il-post ul-pajjiż
	Identità u nazzjonalità tal-mezz ġdid tat-trasport:	Identità u nazzjonalità tal-mezz ġdid tat-trasport:
	Kntrll ☐ (1) Identità ta' kontejner ġdid:	Kntrll ☐ (1) Identità ta' kontejner ġdid:
	(1) Daħħal 1 jekk IVA u 0 jekk LE	(1) Daħħal 1 jekk IVA u 0 jekk LE
ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI (F)	Siġilli ġodda: Numru: identità: Firma: Timbru: ☐ Id-dejta diġà rreġistrata fis-sistema	Siġilli ġodda: Numru: identità: Firma: Timbru: ☐ Id-dejta diġà rreġistrata fis-sistema

Detenturtal-proċedura ta' tranżitu (3/22-3/23 Nru

UFFIĊĊJU TAT-TLUQ (C)

Uffiċċji ta' tranżitu previsti (ul-pajjiż) (5/7)

Garanzija mhux validagħal (8/2-8/3-8/4)

Uffiċċju tad-destinazzjoni (ul-pajjiż) (5/6)

KONTROLL MILL-UFFIĊĊJU TAT-TLUQ (D)

Riżultat:

KONTROLL MILL-UFFIĊĊJU TAD-DESTINAZZJONI (I)

Data tal-wasla: Intbagħtet il-kopja li tintbagħat lura

MT

3) Anness A4a:

“ANNESS A4a

NOTI U DETTALJI (DEJTA) GĦAD-DOKUMENT TA’ AKKUMPANJAMENT FIT-TRANŻITU

Dan l-Anness se japplika mid-data tal-aġġornament tal-NCTS imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6)

L-akronimu “BCP” (“Pjan tal-kontinwità tan-negozju”) użat f’dan l-Anness jirreferi għal sitwazzjonijiet meta tapplika l-proċedura tal-kontinwità operattiva ddefinita fl-Artikolu 26 tal-Appendiċi I.

Il-karta li trid tintuża għad-Dokument ta’ Akkumpanjament fit-Tranżitu tista’ tkun ta’ lewn aħdar.

Id-dokument ta’ akkumpanjament fit-tranżitu għandu jiġi stampat abbażi tad-dejta derivata mid-dikjarazzjoni tat-tranżitu, fejn ikun xieraq, emendata mid-detentur tal-proċedura ta’ tranżitu u/jew ivverifikata mill-uffiċċju doganali tat-tluq, u għandu jimtela kif ġej:

1. Il-kaxxa MRN

L-MRN irid jiġi stampat fuq l-ewwel paġna u fuq il-listi tal-oġġetti kollha ħlief meta dawn il-formoli jintużaw fil-kuntest tal-BCP, f’liema każijiet ma jiġi allokat l-ebda MRN.

L-“MRN” għandu jiġi stampat ukoll fil-forma ta' barcode bl-għajnuna tal-istandard “kodiċi 128”, billi jintuża s-sett ta' karattri “B”.

2. Il-kaxxa Formoli (1/4):

— l-ewwel suddiviżjoni: in-numru tas-serje tal-paġna stampata attwali,

— it-tieni suddiviżjoni: l-għadd totali ta’ folji stampati (inkluża l-lista tal-oġġetti),

— ma għandhiex tintuża meta jkun hemm oġġett wieħed biss.

3. Fl-ispazju taħt il-kaxxa bin-Numru ta’ referenza/UCR (2/4):

L-isem u l-indirizz tal-uffiċċju doganali li lilu trid tiġi rritornata kopja tad-dokument ta’ akkumpanjament fit-tranżitu meta jintuża l-BCP.

4. Il-kaxxa Uffiċċju tat-tluq (C):

— l-isem tal-uffiċċju doganali tat-tluq,

— in-numru ta’ referenza tal-uffiċċju doganali tat-tluq,

— id-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu,

— l-isem u n-numru tal-awtorizzazzjoni tal-konsenjatur awtorizzat (jekk ikun hemm).

5. Il-kaxxa Kontroll mill-uffiċċju tat-tluq (D):

— ir-riżultati tal-kontroll,

— is-siġilli mwaħħlin jew l-indikazzjoni “- -” li tidentifika l-“Eżenzjoni — 99201”,

— l-indikazzjoni “Itinerarju obbligatorju”, fejn ikun xieraq.

Id-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu ma għandux jiġi emendat, u lanqas ma għandhom isirulu żidiet jew tħassir, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-Konvenzjoni.

6. Formalitajiet matul inċidenti waqt il-moviment tal-merkanzija.

Il-proċedura li ġejja hija applikabbli sakemm l-NCTS tippermetti lill-awtoritajiet doganali jirreġistraw din l-informazzjoni direttament fis-sistema.

Minn meta l-merkanzija titlaq mill-uffiċċju doganali tat-tluq sakemm tasal fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, jista' jkollhom jiżdiedu ċerti dettalji fuq id-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu li jkun mal-merkanzija. Id-dettalji jikkonċernaw il-mod kif se jitħaddem it-trasport u għandhom jiddaħħlu mit-trasportatur responsabbli għall-mezz ta' trasport li fuqu titgħabba l-merkanzija kif u meta jseħħu l-attivitajiet korrispondenti. Dawn id-dettalji jistgħu jiddaħħlu bil-miktub b'mod li jinqraw sewwa u f'dan il-każ jenħtieġ li jinkitbu bil-linka u b'ittri kbar.

It-trasportaturi huma mfakkra li l-merkanzija tista' tgħaddi għat-trasbord biss taħt awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li fit-territorju tiegħu se jsir it-trasbord.

Meta jqisu li l-operazzjoni ta' tranżitu komuni tista' tkompli normalment, u wara li jkunu ħadu kwalunkwe miżura li setgħet kienet meħtieġa, dawn l-awtoritajiet japprovaw id-dokumenti ta' akkumpanjament fit-tranżitu.

L-awtoritajiet doganali tal-uffiċċju doganali tat-tranżitu jew fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni, skont il-każ, għandhom l-obbligu li jdaħħlu fis-sistema d-dejta miżjuda fuq id-dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu. Id-dejta tista' tiddaħħal ukoll mid-destinatarju awtorizzat.

Il-kaxxi u l-attivitajiet involuti huma:

— Trasbord: uża l-kaxxa 7/1.

Kaxxa Trasbord (7/1)

It-trasportatur għandu jimla l-ewwel tliet linji ta' din il-kaxxa meta l-merkanzija tiġi ttrasbordata minn mezz ta' trasport għal ieħor jew minn kontejner għal ieħor matul l-operazzjoni kkonċernata.

Madankollu, meta l-merkanzija tinġarr f'kontejners li se jiġu ttrasportati minn vetturi tat-triq, l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw lid-detentur tal-proċedura ta' tranżitu biex iħalli l-kaxxa 7/7-/7/8 vojta f'każ li l-mudell loġistiku fil-punt tat-tluq jista' ma jippermettix li tingħata l-identità u n-nazzjonalità tal-mezz tat-trasport meta tkun qed titħejja d-dikjarazzjoni tat-tranżitu, u f'każ li jkunu jistgħu jiżguraw li l-informazzjoni proprja dwar il-mezzi tat-trasport sussegwentement għandha tiddaħħal fil-kaxxa 7/1.

— Inċidenti oħra: uża l-kaxxa 7/19.

Kaxxa Inċidenti oħra waqt il-ġarr (7/19)

Il-kaxxa trid timtela skont l-obbligi attwali dwar it-tranżitu.

Barra minn hekk, meta l-merkanzija tkun tgħabbiet fuq semitrejler u t-trattur jinbidel matul il-vjaġġ (mingħajr ma l-merkanzija tiġi mqandla jew trasbordata), daħħal f'din il-kaxxa n-numru ta' reġistrazzjoni u n-nazzjonalità tat-trattur il-ġdid. F'dan il-każ, mhijiex meħtieġa l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti."

4) Anness A5a:

“ANNESS A5a

LISTA TAL-OĠĠETTI

Dan l-Anness se japplika mid-data tal-aġġornament tal-NCTS imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6).”

Kampjun tal-lista tal-oġġetti

LISTA TA' OĠĠETTI TA' TRANŻITU

MRN

Formoli (1/4)

Għadd u tip ta' pakketti, marki t at-trasport (6/9-6/10-6/11)	Numru ta' referenza / UCR (2/6)			O
	Dokumenti prodotti / ċertifikati (2/3)			
Informazzjoni addizzjonali (2/2)	Nru tal-Id. tal-atturi addizzjonali fil-katina tal-provvista (3/37)			
Esportatur (3/1-3/2)	Destinatarju (3/9-3/10)			
Identità u nazzjonalità tal-mezz tat-trasport fit-tluq (7/7-7/8)	Kod. tal-Merkanzija (6/14)		Numri tal-kontejners (7/10)	
Identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li jaqsam il-fruntiera (7/14-7/15)	Dikjarazzjoni ssimplifikata / Dokumenti preċedenti (2/1)			Massa netta (kg) (6/1)
Deskrizzjoni tal-merkanzija - Kodiċi CUS (6/8-6/13)	TCMPc (4/2)	Kod. paj.dest. (5/8)	Tip ta' dik (1/3	Massa grossa (kg) (6/5)

5) Anness A6a:

“ANNESS A6a

NOTI U DETTALJI (DEJTA) GĦAL-LISTA TAL-OĠĠETTI

Dan l-Anness se japplika mid-data tal-aġġornament tal-NCTS imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6)

L-akronimu “BCP” (“Pjan tal-kontinwità tan-negozju”) użat f’dan l-Anness jirreferi għal sitwazzjonijiet meta tapplika l-proċedura tal-kontinwità operattiva ddefinita fl-Artikolu 26 tal-Appendiċi I.

Il-kaxxi tal-lista ta’ oġġetti jistgħu jespandu għat-tul. Minbarra d-dispożizzjonijiet fin-noti ta’ spjegazzjoni tal-Annessi A1a u B6a, id-dejta trid tiġi stampata kif ġej, u jekk ikun xieraq jintużaw il-kodiċijiet:

(1) Il-kaxxa MRN — kif iddefinit fl-Anness A3a. L-MRN irid jiġi stampat fuq l-ewwel paġna u fuq il-listi tal-oġġetti kollha ħlief meta dawn il-formoli jintużaw fil-kuntest tal-BCP, f’liema każijiet ma jiġi allokat l-ebda MRN.

(2) Id-dejta tal-kaxxi differenti fil-livell tal-oġġetti individwali trid tiġi stampata kif ġej:

(a) Kaxxa Tip ta’ dikjarazzjoni (1/3) - jekk l-istatus tal-merkanzija għad-dikjarazzjoni sħiħa hu uniformi, il-kaxxa mhix użata; fil-każ ta' kunsinna mħallta, jiġi stampat l-istatus attwali, T1, T2 jew T2F.

(b) Il-kaxxa Formoli (1/4):

– L-ewwel suddiviżjoni: in-numru tas-serje tal-paġna stampata attwali,

– It-tieni suddiviżjoni: l-għadd totali ta’ folji stampati

(c) Kaxxa Oġġett Nru (1/6) — numru tas-serje tal-oġġett ikkonċernat;

(d) Kaxxa TCMPc (4/2) — daħħal il-kodiċi tal-metodu ta’ ħlas tad-drittijiet tat-trasport”.

6) Anness B5a:

“ANNESS B5a

NOTA TA' SPJEGAZZJONI DWAR IL-LISTA TAT-TAGĦBIJA

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, dan l-Anness se japplika mid-data tal-aġġornament tal-NCTS imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta’ April 2016 li tistabbilixxi Programm ta’ Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6)

TITOLU I

ĠENERALI

1. Definizzjoni

Il-lista ta’ tagħbija msemmija fl-Artikolu 7 tal-Appendiċi III hija dokument li għandu l-karatteristiċi msemmija f'dan l-Anness.

2. Il-formola tal-lista tat-tagħbija

2.1 Il-faċċata biss tal-formoli tista' tintuża bħala lista ta’ tagħbija.

2.2 Il-karatteristiċi tal-lista ta’ tagħbija huma:

(a) l-intestatura “Lista ta’ Tagħbija”;

(b) kaxxa ta' 70 mm x 55 mm diviża f'parti ta' fuq ta' 70 mm x 15 mm u parti ta' taħt ta' 70 mm x 40 mm;

(c) kolonni bl-intestaturi li ġejjin skont din l-ordni:

– in-numru tas-serje,

– marki, numri, numru u tip ta' pakketti, deskrizzjoni tal-merkanzija,

– il-pajjiż tad-dispaċċ/tal-esportazzjoni,

– massa grossa f'kilogrammi,

– riżervat għall-amministrazzjoni.

L-utenti jistgħu jadattaw il-wisa' tal-kolonni għall-ħtiġijiet tagħhom. Madankollu, il-kolonna bit-titolu “Riżervata għall-amministrazzjoni” trid tkun ta' wisa' ta' mhux inqas minn 30 mm. L-utenti jistgħu wkoll jiddeċiedu huma kif jużaw l-ispazji li ma jissemmewx fil-punti (a), (b), u (c).

2.3 Immedjatament taħt l-aħħar kitba, trid tinqata' linja orizzontali u kwalunkwe spazju vojt irid jinqata’ sabiex ma jiġi miżjud xejn wara.

TITOLU II

DETTALJI LI JRIDU JITNIŻŻLU TAĦT L-INTESTATURI DIFFERENTI

1. Kaxxa

1.1 Il-parti ta' fuq

Fejn lista tat-tagħbija takkumpanja dikjarazzjoni tat-tranżitu, id-detentur tal-proċedura ta’ tranżitu għandu jdaħħal “T1”, “T2” jew “T2F” fil-parti ta' fuq tal-kaxxa.

Fejn lista tat-tagħbija takkumpanja dokument T2L, il-persuna kkonċernata trid iddaħħal "T2L" jew "T2LF" fil-parti ta' fuq tal-kaxxa.

1.2 Il-parti ta' isfel

Id-dettalji msemmija fil-paragrafu 4 tat-Titolu III hawn taħt iridu jidhru f'din il-parti tal-kaxxa.

2. Kolonni

2.1 Numru tas-serje

Kull oġġett imniżżel fil-lista ta' tagħbija jrid ikollu miktub qablu n-numru tas-serje.

2.2 Marki, numri, għadd u tip ta' pakketti; deskrizzjoni tal-merkanzija

Meta lista tat-tagħbija tkun meħmuża mad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, id-dettalji jridu jiddaħħlu b'konformità mal-Annessi B1 u B6a tal-Appendiċi III. Il-lista trid tinkludi l-informazzjoni mdaħħla fil-kaxxi 31 (Pakketti u deskrizzjoni tal-merkanzija), 44 (Informazzjoni addizzjonali, dokumenti prodotti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet) u, fejn ikun xieraq, 33 (Kodiċi tal-merkanzija) u 38 (Massa netta) tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Meta lista tat-tagħbija tkun meħmuża ma' dokument T2L, id-dettalji jridu jiddaħħlu b'konformità mal-Anness B2a tal-Appendiċi III.

2.3 Pajjiż tad-dispaċċ/esportazzjoni

Daħħal l-isem tal-pajjiż li minnu qed tiġi kkonsenjata jew esportata l-merkanzija. Tużax din il-kolonna meta m'hemmx lista tat-tagħbija meħmuża ma' dokument T2L.

2.4 Massa grossa (f'kg)

Niżżel id-dettalji msemmija fil-kaxxa 35 tal-SAD (ara l-Annessi B2a u B6a ta' dan l-Appendiċi).

TITOLU III

UŻU TA' LISTI TAT-TAGĦBIJA

1. Dikjarazzjoni tat-tranżitu ma jistax ikollha kemm lista tat-tagħbija kif ukoll folji addizzjonali meħmuża magħha.

2. Fejn tintuża lista tat-tagħbija, il-kaxxi 15 (Pajjiż tad-dispaċċ/esportazzjoni), 32 (Numru tal-oġġett tal-merkanzija), 33 (Kodiċi tal-merkanzija), 35 (Massa grossa (kg) u fejn xieraq, 44 (Informazzjoni addizzjonali, dokumenti prodotti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet) tal-formola tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu jridu jinqatgħu u l-kaxxa 31 (Pakketti u deskrizzjoni tal-merkanzija) ma tistax tintuża biex jiddaħħlu l-marki, in-numri, in-numru u t-tip ta' pakketti jew id-deskrizzjoni tal-merkanzija. Referenza għan-numru tas-serje u s-simbolu tal-listi differenti tat-tagħbija għandhom jiddaħħlu fil-kaxxa (31 (Pakketti u deskrizzjoni tal-merkanzija) tal-formola tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu użata.

3. Il-lista tat-tagħbija trid titħejja bl-istess għadd ta' kopji daqs il-kopji tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu marbuta magħha.

4. Meta dikjarazzjoni tat-tranżitu tiġi rreġistrata, il-lista tat-tagħbija trid tingħata l-istess numru ta' reġistrazzjoni bħal tal-formoli tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu marbuta magħha. Dan in-numru jrid jiddaħħal billi jintuża timbru li jinkludi l-isem tal-uffiċċju doganali tat-tluq jew inkella manwalment. Jekk jiddaħħal manwalment, għandu jkun approvat bit-timbru uffiċjali tal-uffiċċju doganali tat-tluq.

Mhux obbligatorju li uffiċjal tal-uffiċċju doganali tat-tluq jiffirma l-formoli.

5. Meta jinhemżu diversi listi tat-tagħbija ma' formola użata għall-fini ta' proċedura T1 jew T2, il-listi jrid ikollhom fuqhom numru tas-serje allokat mid-detentur tal-proċedura ta' tranżitu, u l-għadd ta' listi tat-tagħbija mehmuża jrid jiddaħħal fil-kaxxa 4 (Listi tat-tagħbija) tal-formola kkonċernata.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 5 japplikaw fejn xieraq, meta l-lista tat-tagħbija tkun mehmuża ma' dokument T2L".

7) Anness B6a:

"ANNESS B6a

REKWIŻITI KOMUNI TAD-DEJTA GĦAL DIKJARAZZJONI TA' TRANŻITU

Dan l-Anness se japplika mid-data tal-aġġornament tal-NCTS imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 99, 15.4.2016, p. 6), bl-eċċezzjoni tal-elementi tad-dejta marbuta mad-dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu kif imsemmi fl-Artikolu 55(1)(h) tal-Appendiċi I, li se japplikaw mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2018.

Titolu I

ĠENERALI

(1) L-elementi tad-dejta li jistgħu jiġu pprovduti għal kull proċedura ta' tranżitu huma stabbiliti fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar kull element tad-dejta kif inhuma deskritti fit-Titolu III japplikaw mingħajr preġudizzju għall-istatus tal-elementi tad-dejta kif iddefinit fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta.

(2) Ir-rekwiżiti tad-dejta għandhom japplikaw għad-dikjarazzjonijiet tat-tranżitu li saru bl-użu ta' tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta kif ukoll għal dikjarazzjonijiet ibbażati fuq dokumenti fiżiċi.

(3) Hemm tliet tipi ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu: id-dikjarazzjoni tat-tranżitu standard, id-dikjarazzjoni tat-tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta u d-Dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu. Id-dispożizzjonijiet li japplikaw għas-sitwazzjonijiet kollha fejn l-element tad-dejta kkonċernat huwa mitlub huma inklużi fl-intestatura "It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu". Meta r-rekwiżiti tad-dejta jikkonċernaw biss tip jew tipi speċifiċi tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, l-intestatura rilevanti hija "Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard", "Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard u dikjarazzjoni tat-tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta" jew "Dokument tat-Trasport Elettroniku bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu".

(4) Is-simboli "A", "B" jew "C" fit-tabella ta' hawn taħt ma għandhom l-ebda effett fuq il-fatt li ċerta dejta tingħabar biss meta ċ-ċirkostanzi jitolbu dan. Jistgħu jiġu kkumplimentati minn kundizzjonijiet jew kjarifiki elenkati fin-noti marbuta mar-rekwiżiti tad-dejta.

(5) Il-formati, il-kodiċijiet u, jekk applikabbli, l-istruttura tar-rekwiżiti tad-dejta deskritti f'dan l-Anness huma speċifikati fl-Anness A1a.

Titolu II

SIMBOLI

Simboli fiċ-ċelloli

Simbolu	Deskrizzjoni tas-simbolu
A	Obbligatorju: dejta meħtieġa minn kull pajjiż
B	Fakultattiv għall-pajjiżi: dejta li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jdaħħluhiex.
C	Fakultattiv għad-dikjaranti: dejta li d-dikjaranti jistgħu jiddeċiedu li jagħtu iżda li ma tistax tintalab mill-pajjiżi
X	Element tad-dejta meħtieġ fil-livell ta' oġġett tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu. L-informazzjoni mdaħħla fil-livell ta' oġġett tal-merkanzija hija valida biss għall-oġġetti tal-merkanzija kkonċernati.
Y	Element tad-dejta meħtieġ fil-livell tal-intestatura tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu. L-informazzjoni mdaħħla fil-livell tal-intestatura hija valida għall-oġġetti kollha tal-merkanzija ddikjarati.

Kull tip ta' kombinazzjoni tas-simboli "X" u "Y" tfisser li dak l-element tad-dejta partikulari jista' jingħata mid-dikjarant fi kwalunkwe livell ikkonċernat.

Titolu III

Taqsima I

TABELLA DWAR IR-REKWIŻITI TAD-DEJTA

(In-noti ta' din it-tabella huma inklużi fil-parenteżi)

Grupp 1 – Informazzjoni fil-messaġġ (inklużi l-kodiċijiet proċedurali)

E.D. Nru	Isem l-E.D.	Nru tal-Kaxxa	Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard	Dikjarazzjoni ta' tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta	Dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu
1/2	Tip ta' Dikjarazzjoni Addizzjonali	1/2	A Y	A Y	
1/3	Tip ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu	1/3	A XY	A XY	A XY

E.D. Nru	Isem l-E.D.	Nru tal-Kaxxa	Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard	Dikjarazzjoni ta' tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta	Dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu
1/4	Formoli	3	B (1) (2) Y	B (1) (2) Y	
1/5	Listi tat-tagħbija	4	B (1) Y	B (1) Y	
1/6	Numru tal-oġġett tal-merkanzija	32	A (2) X	A (2) X	
1/8	Firma/Awtentikazzjoni	54	A Y	A Y	A Y
1/9	Għadd totali ta' oġġetti	5	B (1) Y	B (1) Y	

Grupp 2 – Referenzi ta' messaġġi, dokumenti, ċertifikati, awtorizzazzjonijiet

E.D. Nru	Isem l-E.D.	Nru tal-Kaxxa	Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard	Dikjarazzjoni ta' tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta	Dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu
2/1	Dikjarazzjoni ssimplifikata/Dokumenti preċedenti	40	A XY	A XY	A XY
2/2	Informazzjoni addizzjonali	44	A XY	A XY	A X
2/3	Dokumenti prodotti, ċertifikati u	44	A	A	A

E.D. Nru	Isem l-E.D.	Nru tal-Kaxxa	Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard	Dikjarazzjoni ta' tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta	Dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu
	awtorizzazzjonijiet. Referenzi addizzjonali		(7) XY	(7) XY	X

Grupp 3 – Partijiet

E.D. Nru	Isem l-E.D.	Nru tal-Kaxxa	Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard	Dikjarazzjoni ta' tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta	Dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu
3/1	Esportatur	2	B XY		
3/2	Nru ta' identifikazzjoni tal-esportatur	2(nru)	B XY		
3/9	Destinatarju	8	A (12) (51) XY	A (12) (51) XY	A (12) (51) XY
3/10	Numru tal-identifikazzjoni tad-destinatarju	8 (nru)	B XY	B XY	B XY
3/19	Rappreżentant	14	A (13) (51) Y	A (13) Y	A (13) Y
3/20	Numru ta' identifikazzjoni tar-rappreżentant	14(nru)	A (52) Y	A (52) Y	A (52) Y
3/21	Kodiċi tal-istatus tar-rappreżentant	14	A Y	A Y	A Y

E.D. Nru	Isem l-E.D.	Nru tal-Kaxxa	Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard	Dikjarazzjoni ta' tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta	Dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu
3/22	Detentur tal-proċedura ta' tranżitu	50	A (13) (51) Y	A (13) Y	A (13) Y
3/23	Numru ta' identifikazzjoni tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu	50(nru)	A (52) Y	A (52) Y	A (52) Y
3/37	In-numru tal-identifikazzjoni tal-attur(i) addizzjonali fil-katina tal-provvista	44	C XY	C XY	C XY

Grupp 5 – Dati/Ħinijiet/Perjodi/Postijiet/Pajjiżi/Reġjuni

E.D. Nru	Isem l-E.D.	Nru tal-Kaxxa	Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard	Dikjarazzjoni ta' tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta	Dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu
5/4	Data tad-dikjarazzjoni	50,54	B (1) Y	B (1) Y	
5/5	Post tad-dikjarazzjoni	50,54	B (1) Y	B (1) Y	
5/6	Uffiċċju ta' destinazzjoni (u l-pajjiż)	53	A Y	A Y	A Y
5/7	L-uffiċċji ta' tranżitu previsti (u l-pajjiż)	51	A Y	A Y	

E.D. Nru	Isem l-E.D.	Nru tal-Kaxxa	Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard	Dikjarazzjoni ta' tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta	Dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu
5/8	Kodiċi tal-pajjiż tad-destinazzjoni	17a	A XY	A XY	A XY
5/21	Post tat-tagħbija	27	B Y	B Y	B Y
5/23	Il-post fejn jitqiegħdu l-oġġetti	30	A Y (23)	A Y (23)	

Grupp 6 – Identifikazzjoni tal-merkanzija

E.D. Nru	Isem l-E.D.	Nru tal-Kaxxa	Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard	Dikjarazzjoni ta' tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta	Dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu
6/1	Massa netta (f'kg)	38	A (23) X		
6/5	Massa grossa (f'kg)	35	A XY	A XY	A XY
6/8	Deskrizzjoni tal-merkanzija	31	A X	A X	A X
6/9	Tip ta' pakketti	31	A X	A X	A X
6/10	Għadd ta' pakketti	31	A X	A X	A X
6/11	Marki tat-trasport	31	A	A	A

E.D. Nru	Isem l-E.D.	Nru tal-Kaxxa	Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard	Dikjarazzjoni ta' tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta	Dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu
			X	X	X
6/13	Kodiċi tas-CUS	31	C X	C X	C X
6/14	Il-kodiċi tal-merkanzija – Il-kodiċi tan-nomenklatura magħquda	33	A (37) X	A (37) X	A (37) X
6/18	Total ta' pakketti	6	A Y	A Y	A Y

Grupp 7 – Informazzjoni dwar it-trasport (modi, mezzi u tagħmir)

E.D. Nru	Isem l-E.D.	Nru tal-Kaxxa	Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard	Dikjarazzjoni ta' tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta	Dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu
7/1	Trasbord	55	A (38) Y	A (38) Y	
7/2	Kontejner	19	A Y	A Y	
7/4	Il-mezz tat-trasport fuq il-fruntiera	25	A (39) Y	A (39) Y	
7/5	Mezz tat-trasport intern	26	B (40) Y		
7/7	Identità tal-mezz tat-trasport fit-tluq	18(1)	A	A	A

E.D. Nru	Isem l-E.D.	Nru tal-Kaxxa	Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard	Dikjarazzjoni ta' tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta	Dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu
			(43) (44) (45) XY	(43) (44) (45) XY	XY
7/8	Nazzjonalità tal-mezz tat-trasport fit-tluq	18(2)	A (46) (44) (45) XY		
7/10	Numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner	31	A XY	A XY	A XY
7/14	Identità tal-mezz attiv tat-trasport li jaqsam il-fruntiera	21(1)	B (46) XY		
7/15	In-nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera	21(2)	A (46) XY		
7/18	Numru tas-siġill	D	A Y	A Y	A Y
7/19	Inċidenti oħra waqt il-ġarr	56	A (38) Y	A (38) Y	

Grupp 8 – Elementi oħra ta' dejta (dejta statistika, garanziji, dejta relatata mat-tariffi)

E.D. Nru	Isem l-E.D.	Nru tal-Kaxxa	Dikjarazzjoni tat-tranżitu standard	Dikjarazzjoni ta' tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta	Dokument tat-trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu
8/2	Tip ta' garanzija	52	A Y	A Y	
8/3	Referenza tal-garanzija	52	A Y	A Y	
8/4	Garanzija mhux valida fi	52	A Y	A Y	

Taqsima II

NOTI

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
(1)	Il-pajjiżi jistgħu jirrikjedu dan l-element tad-dejta biss fil-kuntest ta' proċeduri bbażati fuq dokumenti fiżiċi
(2)	Meta d-dikjarazzjoni bbażata fuq dokumenti fiżiċi tkopri biss oġġett wieħed ta' merkanzija, il-pajjiżi jistgħu jipprevedu li din il-kaxxa titħalla vojta, wara li ċ-ċifra "1" tkun iddaħħlet fil-kaxxa 5.
(7)	Il-pajjiżi jistgħu jirrinunzjaw għal dan l-obbligu jekk is-sistemi tagħhom jippermettulhom li jiddeduċu din l-informazzjoni awtomatikament u mingħajr ambigwità mill-informazzjoni disponibbli xi mkien ieħor fid-dikjarazzjoni.
(12)	Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – din l-informazzjoni hija obbligatorja biss fil-każijiet fejn in-numru EORI fl-Unjoni jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni tal-persuna kkonċernata ma jingħatax. Fejn jingħata n-numru EORI jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni, l-isem u l-indirizz ma għandhomx jingħataw.
(13)	Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – din l-informazzjoni hija obbligatorja biss fil-każijiet li ma jingħatax in-numru EORI fl-Unjoni jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni. Meta jingħata n-numru

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
	EORI fl-Unjoni jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni, l-isem u l-indirizz ma għandhomx jingħataw sakemm ma tkunx qed tintuża dikjarazzjoni bbażata fuq dokumenti fiżiċi.
(23)	Timtela biss meta l-leġiżlazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tipprevedi hekk.
(37)	Din is-suddiviżjoni għandha timtela meta: - id-dikjarazzjoni tat-tranżitu ssir mill-istess persuna fl-istess ħin ma' dikjarazzjoni doganali li tinkludi kodiċi tal-merkanzija, jew warajha, jew - meta l-leġiżlazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tipprevedi hekk.
(38)	Din l-informazzjoni tingħata biss fil-każ ta' dikjarazzjonijiet ibbażati fuq dokumenti fiżiċi.
(39)	L-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għal dan ir-rekwiżit għall-mezzi tat-trasport minbarra dawk bil-ferrovija.
(40)	Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata meta l-formalitajiet tal-esportazzjoni jsiru fil-punt tal-ħruġ mit-territorju doganali tal-Partijiet Kontraenti.
(43)	Ma għandhiex tintuża fil-każ ta' trasport bi stallazzjonijiet fissi tat-trasport
(44)	Meta l-merkanzija tinġarr f'unitajiet multimodali tat-trasport, bħal kontejners, kaxxi skambjabbli u semitrejlers, l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw lid-detentur tal-proċedura ta' tranżitu biex ma jipprovdix din l-informazzjoni fejn il-mudell loġistiku fil-punt tat-tluq jista' ma jippermettix li tingħata l-identità u n-nazzjonalità tal-mezz tat-trasport meta l-merkanzija tkun qed tiġi rilaxxata għat-tranżitu, sakemm l-unitajiet multimodali tat-trasport ma jkollhomx numri uniċi u dawn in-numri jiġu indikati fl-E.D. 7/10 Numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner.
(45)	Fil-każijiet li ġejjin, il-pajjiżi għandhom jirrinunzjaw l-obbligu li din l-informazzjoni tiddaħħal fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu li tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tat-tluq fir-rigward tal-mezz tat-trasport li fuqu l-merkanzija tkun mgħobbija direttament: - meta l-mudell loġistiku ma jippermettix li jingħata dan l-element tad-dejta u d-detentur tal-proċedura ta' tranżitu jkollu l-istatus AEOC fl-Unjoni jew status simili f'pajjiż ta' tranżitu komuni, u - meta l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jintraċċaw l-informazzjoni rilevanti, fejn ikun meħtieġ, mir-reġistri tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu.
(46)	Ma għandhiex tintuża fil-każ ta' trasport bi stallazzjonijiet fissi tat-trasport jew bil-ferrovija.
(51)	Għall-pajjiżi ta' tranżitu komuni - din l-informazzjoni hija obbligatorja.
(52)	Għall-pajjiżi ta' tranżitu komuni - din l-informazzjoni hija obbligatorja. Għandhom jingħataw in-numru EORI fl-Unjoni u n-numru ta' identifikazzjoni

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
	tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni. Jekk ma jkunx ingħata n-numru EORI, għandu jingħata biss in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni. Jekk id-destinatarju jkun jinsab f'pajjiż terz dan l-E.D. mhuwiex meħtieġ.

Titolu IV

NOTI FIR-RIGWARD TAR-REKWIŻITI TAD-DEJTA

Taqsima I

INTRODUZZJONI

Id-deskrizzjonijiet u n-noti li jinsabu f'dan it-Titolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fit-Taqsima I tat-Titolu III ta' dan l-Anness.

Taqsima II

REKWIŻITI TAD-DEJTA

1/2 Tip ta' Dikjarazzjoni Addizzjonali

Dikjarazzjoni tat-tranżitu u Dikjarazzjoni tat-tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta

Daħħal il-kodiċi rilevanti

1/3 Dikjarazzjoni tat-Tranżitu

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Daħħal il-kodiċi rilevanti.

1/4 Formoli

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Fejn jintużaw dikjarazzjonijiet ibbażati fuq dokumenti fiżiċi, daħħal in-numru tas-subsett fir-rigward tal-għadd totali ta' subsettijiet ta' formoli u ta' formoli addizzjonali użati. Pereżempju, jekk ikun hemm formola waħda u żewġ folji addizzjonali, niżżel "1/3" fuq il-formola, "2/3" fuq l-ewwel folja addizzjonali u "3/3" fuq it-tieni folja addizzjonali.

1/5 Listi tat-tagħbija

Dikjarazzjoni tat-tranżitu u Dikjarazzjoni tat-tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta

Fejn tintuża d-dikjarazzjoni bbażata fuq dokumenti fiżiċi, daħħal f'ċifri l-għadd ta' kull lista tat-tagħbija mehmuża, jew tal-listi deskrittivi kummerċjali fejn dawn ikunu awtorizzati mill-awtorità kompetenti.

1/6 Numru tal-oġġetti tal-merkanzija

Dikjarazzjoni tat-tranżitu u Dikjarazzjoni tat-tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta

In-numru tal-oġġett b'rabta mal-għadd totali ta' oġġetti li hemm fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu, fejn ikun hemm aktar minn oġġett wieħed tal-merkanzija.

1/8 Firma/Awtentikazzjoni

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Firma jew awtentikazzjoni b'mod ieħor tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Fil-każ ta' dikjarazzjoni bbażata fuq dokumenti fiżiċi, l-oriġinal tal-firma bil-miktub tal-persuna kkonċernata għandu jingħata fuq il-kopja tad-dikjarazzjoni li trid tibqa' fl-uffiċċju doganali tat-tluq, segwita mill-isem sħiħ ta' dik il-persuna. Fejn dik il-persuna ma tkunx persuna fiżika, il-firmatarju jenħtieġ li jżid il-kapaċità tiegħu wara l-firma u l-isem sħiħ tiegħu.

1/9 Għadd totali ta' oġġetti

Dikjarazzjoni tat-tranżitu u Dikjarazzjoni tat-tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta

L-għadd totali ta' oġġetti tal-merkanzija ddikjarata fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu kkonċernata. L-oġġett tal-merkanzija huwa ddefinit bħala dikjarazzjoni li għandha inkomuni d-dejta kollha bl-attribut "X" fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fit-Titolu III, it-Taqsima I ta' dan l-Anness.

2/1 Dikjarazzjoni ssimplifikata/Dokumenti preċedenti

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Agħti r-referenza tal-ħażna temporanja jew tal-proċedura doganali preċedenti jew tad-dokumenti doganali korrispondenti.

Fejn, fil-każ ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu bbażati fuq dokumenti fiżiċi, trid tiddaħħal aktar minn referenza waħda, il-pajjiżi jistgħu jipprevedu li l-kodiċi rilevanti jiddaħħal f'din il-kaxxa u li l-lista tar-referenzi kkonċernati takkumpanja d-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

2/2 Informazzjoni addizzjonali

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Daħħal il-kodiċi rilevanti.

2/3 Dokumenti prodotti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet, referenzi addizzjonali

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

L-identifikazzjoni jew in-numru ta' referenza tad-dokumenti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet tal-Partijiet Konraenti jew internazzjonali li jitħejjew b'appoġġ għad-dikjarazzjoni, u referenzi addizzjonali.

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, daħħal id-dettalji meħtieġa minn kwalunkwe regola speċifika applikabbli flimkien ma' dejta ta' referenza tad-dokumenti li tħejjew b'appoġġ għad-dikjarazzjoni, u referenzi addizzjonali.

Dokument tat-Trasport Elettroniku bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu

Dan l-element tad-dejta jinkludi t-tip u r-referenza tad-dokument tat-trasport li jintuża bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Barra minn hekk, fih ukoll ir-referenza għan-numru rispettiv tal-awtorizzazzjoni tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu. Din l-informazzjoni trid tingħata, sakemm ma tistax tiġi dderivata

mingħajr ambigwità minn elementi oħra ta' dejta, bħan-numru EORI tad-detentur tal-awtorizzazzjoni.

3/1 Esportatur

Dikjarazzjoni tat-tranżitu

Niżżel l-isem u l-indirizz sħaħ tal-konsenjatur.

Fil-każ ta' kunsinni bi gruppaġġ, fejn tintuża dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq dokumenti fiżiċi, il-pajjiżi jistgħu jipprevedu li jintuża l-kodiċi rilevanti, u li l-lista ta' konsenjaturi tiġi mehmuża mad-dikjarazzjoni.

3/2 Numru tal-identifikazzjoni tal-esportatur

Dikjarazzjoni tat-tranżitu

Daħħal in-numru EORI tal-konsenjatur u n-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

3/9 Destinatarju

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Niżżel l-isem u l-indirizz sħaħ tad-destinatarju.

Dikjarazzjoni tat-tranżitu u Dikjarazzjoni tat-tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta

Fil-każ ta' kunsinni bi gruppaġġ, meta tintuża dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq dokumenti fiżiċi, il-pajjiż jista' jipprevedi li l-kodiċi rilevanti jiddaħħal f'din il-kaxxa, u l-lista ta' destinatarji tiġi mehmuża mad-dikjarazzjoni.

3/10 Numru tal-identifikazzjoni tad-destinatarju

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Daħħal in-numru EORI jew in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

3/19 Rappreżentant

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Din l-informazzjoni għandha tkun meħtieġa, jekk tkun differenti mill-E.D. 3/17 Dikjarant jew fejn xieraq, l-E.D. 3/22 Detentur tal-proċedura ta' tranżitu.

3/20 Numru ta' identifikazzjoni tar-rappreżentant

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Din l-informazzjoni għandha tintalab jekk tkun differenti mill-E.D. 3/18 Numru ta' identifikazzjoni tad-dikjarant jew fejn xieraq l-E.D. 3/23 Numru ta' identifikazzjoni tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu.

Daħħal in-numru EORI tal-persuna kkonċernata jew in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

3/21 Kodiċi tal-istatus tar-rappreżentant

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Daħħal il-kodiċi rilevanti li jirrappreżenta l-istatus tar-rappreżentant.

3/22 Detentur tal-proċedura ta' tranżitu

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Daħħal l-isem (tal-persuna jew tal-kumpanija) u l-indirizz sħaħ tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu. Fejn ikun xieraq, daħħal l-isem sħiħ (tal-persuna jew tal-kumpanija) tar-rappreżentant awtorizzat li jkun qed jippreżenta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu għan-nom tad-detentur tal-proċedura.

Fejn tintuża dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq dokumenti fiżiċi, l-oriġinal tal-firma bil-miktub tal-persuna kkonċernata trid tingħata fuq il-kopja tad-dikjarazzjoni bbażata fuq dokumenti fiżiċi li trid tibqa' fl-uffiċċju doganali tat-tluq.

3/23 Numru ta' identifikazzjoni tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Daħħal in-numru EORI tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu jew in-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

3/37 Numru ta' identifikazzjoni tal-attur(i) addizzjonali fil-katina tal-provvista

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Numru uniku ta' identifikazzjoni assenjat lil operatur ekonomiku ta' pajjiż terz fil-qafas ta' programm ta' sħubija kummerċjali żviluppat b'konformità mal-Qafas ta' Standards li Jiżguraw u Jiffaċilitaw il-Kummerċ Globali tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali li jkun rikonoxxut mill-Unjoni u Partijiet Kontraenti oħra.

L-identifikatur tal-parti kkonċernata għandu jkun ippreċedut minn kodiċi tar-rwol li jispeċifika r-rwol tiegħu fil-katina tal-provvista.

5/4 Data tad-dikjarazzjoni

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Id-data meta nħarġet id-dikjarazzjoni rispettiva u, fejn xieraq, iffirmata jew awtentikata b'mod ieħor.

5/5 Post tad-dikjarazzjoni

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Il-post fejn inħarġet id-dikjarazzjoni bbażata fuq dokumenti fiżiċi.

5/6 Uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż)

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal in-numru ta' referenza tal-uffiċċju doganali fejn għandha tintemm l-operazzjoni ta' tranżitu.

5/7 L-uffiċċji ta' tranżitu previsti (u l-pajjiż)

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Daħħal il-kodiċi għall-uffiċċju doganali kompetenti previst għall-punt tad-dħul fit-territorju ta' Parti Kontraenti meta l-merkanzija timxi skont il-proċedura ta' tranżitu, jew l-uffiċċju doganali kompetenti għall-punt tal-ħruġ mit-territorju ta' Parti Kontraenti meta l-merkanzija titlaq minn dak it-territorju matul operazzjoni ta' tranżitu u tgħaddi minn fruntiera bejn dik il-Parti Kontraenti u pajjiż terz.

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal in-numri ta' referenza tal-uffiċċji doganali kkonċernati.

5/8 Kodiċi tal-pajjiż tad-destinazzjoni

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal l-aħħar pajjiż tad-destinazzjoni tal-merkanzija.

Il-pajjiż tal-aħħar destinazzjoni magħrufa huwa ddefinit bħala l-aħħar pajjiż li, fil-mument tar-rilaxx fil-proċedura doganali, ikun magħruf li l-merkanzija trid tiġi kkunsinnata lilu.

5/21 Post tat-tagħbija

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti fejn ikun meħtieġ, daħħal il-post fejn il-merkanzija għandha titgħabba fuq il-mezz attiv tat-trasport li fuqu se taqsam il-fruntiera tal-Parti Kontraenti.

5/23 Il-post fejn jitqiegħdu l-oġġetti

Dikjarazzjoni tat-tranżitu u Dikjarazzjoni tat-tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal il-post fejn il-merkanzija tista' tiġi eżaminata. Dan il-post għandu jkun preċiż biżżejjed biex jippermetti lill-uffiċċju doganali jwettaq il-kontroll fiżiku tal-merkanzija.

6/1 Massa netta (kg)

Dikjarazzjoni tat-tranżitu

Daħħal il-massa netta, mogħtija f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata mill-oġġett tal-merkanzija tad-dikjarazzjoni rilevanti. Il-massa netta hija l-piż tal-merkanzija mingħajr ebda ppakkjar.

Meta massa netta akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), tista' tiġi aġġustata b'dan il-mod:

— minn 0.001 sa 0.499: jiġi aġġustat 'l isfel sal-eqreb kg,

— minn 0.5 sa 0.999: jiġi aġġustat 'il fuq sal-eqreb kg.

Massa netta ta' anqas minn 1 kg jenħtieġ li tiddaħħal bħala "0." segwita minn għadd ta' deċimali sa 6, u jitneħħew iż-"0" kollha fit-tarf tal-kwantità (eż. 0.123 għal pakkett ta' 123 gramma, 0.00304 għal pakkett ta' 3 grammi u 40 milligramma jew 0.000654 għal pakkett ta' 654 milligramma).

6/5 Massa grossa (kg)

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Il-massa grossa hija l-piż tal-merkanzija inkluż l-ippakkjar, iżda mingħajr it-tagħmir tat-trasportatur għad-dikjarazzjoni.

Meta massa grossa akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), din tista' tiġi aġġustata b'dan il-mod:

— minn 0.001 sa 0.499: jiġi aġġustat 'l isfel sal-eqreb kg,

— minn 0.5 sa 0.999: jiġi aġġustat 'il fuq sal-eqreb kg.

Massa grossa ta' anqas minn 1 kg jenħtieġ li tiddaħħal bħala "0." segwita minn għadd ta' deċimali sa 6, u jitneħħew iż-"0" kollha fit-tarf tal-kwantità (eż. 0.123 għal pakkett ta' 123 gramma, 0.00304 għal pakkett ta' 3 grammi u 40 milligramma jew 0.000654 għal pakkett ta' 654 milligramma).

Daħħal il-massa grossa, espressa f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata skont l-oġġett rilevanti tal-merkanzija.

Meta d-dikjarazzjoni tinkludi diversi oġġetti tal-merkanzija, li tittratta merkanzija li tkun ippakkjata flimkien b'tali mod li jkun impossibbli li tiġi ddeterminata l-massa grossa tal-

merkanzija li tappartjeni għal xi oġġett tal-merkanzija, il-massa grossa totali biss trid tiddaħħal fil-livell ta' intestatura.

Meta dikjarazzjoni tat-tranżitu bbażata fuq dokumenti fiżiċi tkopri diversi oġġetti tal-merkanzija, il-massa grossa totali biss trid tiddaħħal fl-ewwel kaxxa 35, u l-kaxxi 35 li jifdal jitħallew vojta.

6/8 Deskrizzjoni tal-merkanzija

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Deskrizzjoni kummerċjali normali tal-merkanzija b'lingwaġġ sempliċi li tkun preċiża biżżejjed biex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jidentifikaw il-merkanzija. Meta jrid jingħata l-kodiċi HS, id-deskrizzjoni trid tkun preċiża biżżejjed li tippermetti li l-merkanzija tiġi kklassifikata.

6/13 Kodiċi tas-CUS

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

In-numru tal-Unjoni Doganali u tal-Istatistika (CUS) huwa l-identifikatur assenjat fl-Inventarju Doganali Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi (ECICS) prinċipalment għal sustanzi u preparazzjonijiet kimiċi.

Id-dikjarant jista' jipprovdi dan il-kodiċi fuq bażi volontarja fejn ma tkunx teżisti miżura tat-TARIC għall-merkanzija kkonċernata, jiġifieri fejn l-għoti ta' dan il-kodiċi jkun jirrappreżenta piż inqas minn deskrizzjoni testwali sħiħa tal-prodott.

6/14 Il-kodiċi tal-merkanzija – Il-kodiċi tan-nomenklatura magħquda

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

F'din is-suddiviżjoni għandu jiddaħħal il-kodiċi tal-merkanzija magħmul minn tal-anqas is-sitt ċifri tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Oġġetti. Il-kodiċi tal-merkanzija jista' jkun estiż għal tmien ċifri għall-użu nazzjonali

6/18 Total ta' pakketti

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Daħħal f'ċifri l-għadd totali ta' pakketti li jiffurmaw il-kunsinna kkonċernata.

6/20 Pakketti

It-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Informazzjoni dwar it-tip u l-għadd totali ta' pakketti abbażi tal-iżgħar unità esterna tal-ippakkjar. L-għadd totali ta' pakketti jikkonċerna l-għadd ta' oġġetti individwali ppakkjati b'tali mod li ma jistgħux jiġu diviżi mingħajr ma l-ewwel jiżżarma l-ippakkjar, jew l-għadd ta' biċċiet, jekk ma jkunux ippakkjati.

L-informazzjoni dwar l-għadd totali ta' pakketti ma għandhiex tingħata meta l-oġġetti jkunu f'bulk.

L-informazzjoni għandha tinkludi wkoll id-deskrizzjoni ħielsa tal-marki u tan-numri fuq l-unitajiet tat-trasport jew il-pakketti.

7/1 Trasbord

Dikjarazzjoni tat-tranżitu u Dikjarazzjoni tat-tranżitu b'inqas rekwiżiti tad-dejta

L-ewwel tliet linji ta’ din il-kaxxa jridu jimtlew mit-trasportatur meta, matul l-operazzjoni ta’ tranżitu, il-merkanzija tiġi trasbordata minn mezz wieħed tat-trasport għal ieħor jew minn kontejner għal ieħor.

7/2 Kontejner

Dikjarazzjoni tat-tranżitu u Dikjarazzjoni tat-tranżitu b’inqas rekwiżiti tad-dejta

Daħħal is-sitwazzjoni prevista waqt il-qsim tal-fruntiera tal-Parti Kontraenti, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli fil-mument tat-tlestija tal-formalitajiet ta’ tranżitu, bl-użu tal-kodiċi rilevanti.

7/4 Il-mezz tat-trasport fuq il-fruntiera

Dikjarazzjoni tat-tranżitu u Dikjarazzjoni tat-tranżitu b’inqas rekwiżiti tad-dejta

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mezz tat-trasport li jikkorrispondi għall-mezz attiv tat-trasport li huwa mistenni li se jintuża fil-ħruġ mit-territorju doganali tal-Parti Kontraenti.

7/5 Mezz ta' trasport intern

Dikjarazzjoni tat-tranżitu

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal il-mezz ta’ trasport mal-wasla.

7/7 Identità tal-mezzi tat-trasport fit-tluq

It-tipi kollha ta’ dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Daħħal l-identità tal-mezz tat-trasport li fuqu l-merkanzija titgħabba direttament fil-mument tal-formalitajiet tat-tranżitu (jew dik tal-vettura li ċċaqlaq lill-oħrajn jekk ikun hemm diversi mezzi tat-trasport). Jekk jintuża trattur u karru b’numri ta’ reġistrazzjoni differenti, daħħal in-numri tar-reġistrazzjoni kemm tat-trattur kif ukoll tal-karru flimkien man-nazzjonalità tat-trattur.

Skont il-mezz tat-trasport ikkonċernat, jistgħu jiddaħħlu d-dettalji li ġejjin dwar l-identità:

Mezz ta’ trasport	Metodu ta’ identifikazzjoni
Trasport bin-navigazzjoni interna	Isem il-bastiment
Trasport bl-ajru	In-numru u d-data tat-titjira (f’każ li ma jkunx hemm numru tat-titjira, daħħal in-numru ta’ reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru)
Trasport bit-triq	In-numru ta’ reġistrazzjoni tal-vettura
Trasport ferrovjarju	Numru tal-vagun

7/8 Nazzjonalità tal-mezz tat-trasport fit-tluq

Dikjarazzjoni tat-tranżitu

Daħħal in-nazzjonalità tal-mezz tat-trasport (jew dik tal-vettura li ċċaqlaq lill-oħrajn jekk ikun hemm diversi mezzi tat-trasport) li fuqu l-merkanzija titgħabba direttament fil-mument tal-formalitajiet tat-tranżitu, fil-forma tal-kodiċi rilevanti. Jekk it-trattur u t-trejler li jintużaw ikunu ta’ nazzjonalitajiet differenti, daħħal in-nazzjonalità tat-trattur.

Jekk il-merkanzija tiġi ttrasportata permezz ta’ trejler u trattur, daħħal in-nazzjonalità kemm tat-trejler u kif ukoll tat-trattur. Meta n-nazzjonalità tat-trattur ma tkunx magħrufa, daħħal in-nazzjonalità tat-trejler.

7/10 Numru ta’ identifikazzjoni tal-kontejner

It-tipi kollha ta’ dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Il-marki (ittri u/jew numri) li jidentifikaw il-kontejner għat-trasport.

Għal mezzi ta’ trasport minbarra bl-ajru, kontejner huwa kaxxa speċjali li fiha tinġarr it-tagħbija, li tkun imsaħħa u stivabbli u li tippermetti trasferimenti orizzontali jew vertikali.

Fil-mod ta’ trasport bl-ajru, il-kontejners huma kaxxi speċjali għall-ġarr tat-tagħbija, li jkunu msaħħa u jippermettu trasferimenti orizzontali jew vertikali.

Fil-kuntest ta’ dan l-element tad-dejta, il-kaxxi skambjabbli u s-semitrejlers li jintużaw għal trasport bit-triq u bil-ferrovija għandhom jitqiesu bħala kontejners.

Jekk ikun applikabbli, għal kontejners li jkunu koperti mill-istandard ISO 6346, minbarra n-numru ta’ identifikazzjoni tal-kontejner għandu jingħata wkoll l-identifikatur (prefiss) allokat mill-Bureau Internazzjonali għall-Kontejners u t-Trasport Intermodali (BIC).

Għal kaxxi skambjabbli u semitrejlers għandu jintuża l-kodiċi tal-UTI (Unitajiet ta’ Tagħbija Intermodali) kif introdott mill-istandard Ewropew EN 13044.

7/14 Identità tal-mezz attiv ta’ trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera

Dikjarazzjoni tat-tranżitu

Daħħal l-identità tal-mezz attiv ta’ trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera tal-Parti Kontraenti.

Fil-każ tat-trasport ikkombinat jew jekk jintużaw diversi mezzi tat-trasport, il-mezz attiv ta’ trasport ikun dak li jċaqlaq il-kombinazzjoni kollha. Pereżempju, fil-każ ta’ trakk fuq bastiment tal-baħar, il-mezz attiv tat-trasport huwa l-bastiment. Fil-każ ta' vettura ta’ trattur u ta’ trejler, il-mezz attiv tat-trasport huwa t-trattur.

Skont il-mezz tat-trasport ikkonċernat, għandhom jiddaħħlu d-dettalji li ġejjin dwar l-identità:

Mezz ta’ trasport	Metodu ta’ identifikazzjoni
Navigazzjoni interna	Isem il-bastiment
Trasport bl-ajru	In-numru u d-data tat-titjira (f’każ li ma jkunx hemm numru tat-titjira, daħħal in-numru ta’ reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru)
Trasport bit-triq	In-numru ta’ reġistrazzjoni tal-vettura
Trasport ferrovjarju	Numru tal-vagun

7/15 Nazzjonalità tal-mezz attiv ta’ trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera

Dikjarazzjoni tat-tranżitu

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal in-nazzjonalità tal-mezz attiv ta’ trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera esterna tal-Parti Kontraenti.

Fil-każ tat-trasport ikkombinat jew jekk jintużaw diversi mezzi tat-trasport, il-mezz attiv ta’ trasport ikun dak li jċaqlaq il-kombinazzjoni kollha. Pereżempju, fil-każ ta’ trakk fuq bastiment tal-baħar, il-mezz attiv tat-trasport huwa l-bastiment. Fil-każ ta' vettura ta’ trattur u ta’ trejler, il-mezz attiv tat-trasport huwa t-trattur.

7/18 Numru tas-siġill

It-tipi kollha ta’ dikjarazzjonijiet tat-tranżitu

Din l-informazzjoni għandha tingħata jekk konsenjatur awtorizzat jippreżenta dikjarazzjoni li għaliha l-awtorizzazzjoni tagħha tkun teħtieġ l-użu ta’ siġilli ta’ tip speċjali jew jekk detentur tal-proċedura ta’ tranżitu jkun awtorizzat li juża siġilli ta’ tip speċjali.

7/19 Inċidenti oħra waqt il-ġarr

Dikjarazzjoni tat-tranżitu u Dikjarazzjoni tat-tranżitu b’inqas rekwiżiti tad-dejta

Il-kaxxa trid timtela skont l-obbligi eżistenti taħt il-proċedura komuni ta’ tranżitu.

Barra minn hekk, meta l-merkanzija tkun ġiet mgħobbija fuq semitrejler u t-trattur tal-vettura jinbidel matul il-vjaġġ (mingħajr ma l-merkanzija tiġi mqandla jew trasbordata), f’din il-kaxxa ikteb in-numru tar-reġistrazzjoni tat-trattur il-ġdid. F’każi bħal dawn, l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti mhijiex meħtieġa.

8/2 Tip ta’ garanzija

Dikjarazzjoni tat-tranżitu u Dikjarazzjoni tat-tranżitu b’inqas rekwiżiti tad-dejta

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, daħħal it-tip ta’ garanzija użata għall-operazzjoni ta’ tranżitu.

8/3 Referenza tal-garanzija

Dikjarazzjoni tat-tranżitu u Dikjarazzjoni tat-tranżitu b’inqas rekwiżiti tad-dejta

Daħħal in-numru ta’ referenza tal-garanzija u, jekk ikun xieraq, il-kodiċi ta’ aċċess u l-uffiċċju doganali ta’ garanzija.

8/4 Garanzija mhux valida fi

Dikjarazzjoni tat-tranżitu u Dikjarazzjoni tat-tranżitu b’inqas rekwiżiti tad-dejta

Meta garanzija ma tkunx valida għal waħda, għal aktar jew għall-Partijiet Kontraenti kollha, wara “Mhux valida għal” żid il-kodiċijiet rilevanti għall-Parti jew għall-Partijiet Kontraenti kkonċernati”.